KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WATHELET
ippreżentati fl-4 ta' Settembru 2014[1]

**Kawża C-434/13 P**

**Il-Kummissjoni Ewropea**
**vs**
**Parker Hannifin Manufacturing Srl, li kienet Parker ITR Srl,**

**Parker-Hannifin Corp.**

"Appell — Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Ewropew tal-manek marittimi — Suċċessjoni ta' entitajiet legali — Imputabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur — Tnaqqis tal-multa mill-Qorti Ġenerali"

1. F'dan l-appell, hija l-Kummissjoni Ewropea li quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja titlob l-annullament tas-sentenza Parker ITR u Parker-Hannifin vs Il-Kummissjoni[2], li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea annullat parzjalment id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 428 finali[3] (dwar l-akkordju tal-"manek marittimi", wieħed mill-itwal akkordji li qatt ġew issanzjonati[4]) u naqqset kunsiderevolment l-ammont tal-multa li kienet ġiet imposta fuq Parker ITR b'dik id-deċiżjoni kif ukoll l-ammont li għalih Parker-Hannifin Corp. (iktar 'il quddiem "Parker-Hannifin") inżammet responsabbli *in solidum*.

2. Din il-kawża tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-prinċipji tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni applikabbli għal akkordji meta trasferiment intragrupp ta' attiv li jkun is-suġġett tal-ksur iseħħ fid-dawl tal-bejgħ ulterjuri tal-entità legali ċessjonarja (sussidjarja) lil terz indipendenti, filwaqt li l-entità ttrasferita tkompli, bħal qabel it-trasferiment, tipparteċipa fl-akkordju (jiġifieri sitwazzjoni ta' "kontinwità jew suċċessjoni ekonomika" intragrupp).

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — T-146/09, EU:T:2013:258, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata".

3 — Deċiżjoni tat-28 ta' Jannar 2009, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu [101 TFUE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39406 — Manek marittimi, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"). Ser nuża l-enumerazzjoni l-qadima tat-Trattat f'dawn il-konklużjonijiet peress li d-deċiżjoni kkontestata ttieħdet taħt it-Trattat KE. Huwa interessanti li wieħed jinnota li dan l-akkordju huwa l-ewwel wieħed fejn negozjant minn Stat Membru (l-Italja) ġie estradit minn Stat Membru ieħor (il-Ġermanja) lejn l-Istati Uniti abbażi ta' ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni. Dan in-negozjant ammetta li kien ħati, "walked into court wearing glasses and dressed in a khaki jump suit, leg irons and handcuffs and accompanied by two US Marshals" u ġie kkundannat mill-U.S. District Court in the Southern District of Florida għal sentejn ħabs kif ukoll multa ta' 50 000 dollaru Amerikan (USD). Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għadha kif ċaħdet ir-rikors tiegħu ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-awtoritajiet Ġermaniżi (ara *inter alia* mLex, "Extradited marine hose executive pleads guilty, sentenced to 24 months", 24 ta' April 2014, u "Human-rights court rejects case of extradited Italian cartel executive", 29 ta' Mejju 2014).

4 — Huwa interessanti wkoll li wieħed jinnota li dan l-akkordju kien ikopri d-dinja kollha u li l-impriżi parteċipanti kienu jirrappreżentaw parti ferm sinjifikattiva tas-settur tal-manek marittimi fid-dinja. Dan kien akkordju kumpless, istituzzjonalizzat sal-punt li ġew adottati "statuti" fil-forma ta' protokoll ta' ftehim, struttura formali ta' "Club", ismijiet ikkodifikati, u kien sar użu mis-servizzi ta' "konsulenti" esterni li kienu jikkoordinaw u jissorveljaw l-akkordju. Kien ukoll akkordju reżiljenti, B'hekk, wara li għadda minn kriżi bejn Mejju 1997 u Ġunju 1999, reġa' ħa r-ruħ u ssokta bl-attivitajiet tiegħu għal tmien snin oħra. L-akkordju sfaxxa biss wara spezzjonijiet ikkoordinati mmexxija minn diversi awtoritajiet responsabbli mill-kompetizzjoni madwar id-dinja. Sussegwentement, diversi diriġenti involuti fl-akkordju ġew ikkundannati għal pieni ta' priġunerija f'diversi pajjiżi.

3. F'din il-kawża hemm inkwistjoni l-prinċipju ta' *responsabbiltà personali*, skont liema ksur (f'dan il-każ akkordju) għandu jiġi imputat lill-persuna fiżika jew ġuridika li topera l-impriża li tipparteċipa fl-akkordju [5], u l-eċċezzjoni għal dak il-prinċipju, jiġifieri dik *tal-kontinwità ekonomika* (żviluppata b'mod partikolari fil-każ ta' ristrutturazzjonijiet jew bidliet oħrajn fi ħdan grupp ta' impriżi), skont liema jista' jirriżulta neċessarju, għall-finijiet tal-implementazzjoni effettiva tar-regoli tal-kompetizzjoni, li akkordju jiġi imputat mhux lill-operatur inizjali iżda lill-operatur il-ġdid tal-impriża implikata [6].

## I – **Il-fatti li wasslu għall-kawża**

4. Il-fatti huma paċifiċi bejn il-partijiet.

5. L-attivitajiet fis-settur tal-manek marittimi [7] inkwistjoni fil-kawża nħolqu fl-1966 minn Pirelli Treg SpA, kumpannija li tappartjeni lill-grupp Pirelli. Wara l-inkorporazzjoni ta' żewġ sussidjarji fi ħdan il-grupp Pirelli, dawn ittieħdu fl-1990 minn ITR SpA (iktar 'il quddiem "ITR").

6. Fl-1993, ITR inxtrat minn Saiag SpA (iktar 'il quddiem "Saiag").

7. Fl-2001, Parker-Hannifin Corp., il-kumpannija holding finali tal-grupp Parker-Hannifin u Saiag fetħet diskussjonijiet dwar il-possibbiltà ta' xiri minn Parker-Hannifin tal-attivitajiet ta' manek marittimi ta' ITR. Fil-perspettiva ta' dan il-bejgħ, f'Ġunju 2001 ITR ħolqot sussidjarja bl-isem ITR Rubber.

8. Fil-5 ta' Diċembru 2001, Parker Hannifin Holding, li hija 100 % sussidjarja ta' Parker-Hannifin, ftehmet ma' ITR biex tixtri 100 % tal-ishma ta' ITR Rubber, u x-xiri kellu jseħħ fuq talba ta Parker Hannifin Holding.

9. Effettivament, il-kuntratt kien jipprevedi b'mod partikolari li t-trasferiment tas-settur tal-manek tal-lasktu (inkluż is-settur tal-manek marittimi) ta' ITR lil ITR Rubber kellu jsir fuq it-talba ta' Parker Hannifin Holding.

10. Fid-19 ta' Diċembru 2001, ITR ittrasferixxiet l-attivitajiet tagħha fis-settur tal-manek marittimi lil ITR Rubber.

11. It-trasferiment seħħ fl-1 ta' Jannar 2002.

12. Fil-31 ta' Jannar 2002, Parker Hannifin Holding xtrat mingħand ITR l-ishma ta' ITR Rubber. ITR Rubber sussegwentement saret Parker ITR Srl [8].

13. Fl-2007, il-Kummissjoni fetħet investigazzjoni għal ksur tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-ftehim ŻEE fis-suq tal-manek marittimi.

5 — Ara s-sentenzi KNP BT vs Il-Kummissjoni (C-248/98 P, EU:C:2000:625, punt 71), Cascades vs Il-Kummissjoni (C-279/98 P, EU:C:2000:626, punt 78), Stora Kopparbergs Bergslags vs Il-Kummissjoni (C-286/98 P, EU:C:2000:630, punt 37) u SCA Holding vs Il-Kummissjoni (C-297/98 P, EU:C:2000:633, punt 27), kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża ETI *et* (C-280/06, EU:C:2007:404, punt 71).

6 — Ara s-sentenzi Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punti 356 sa 359), ETI *et* (C-280/06, EU:C:2007:775), Jungbunzlauer vs Il-Kummissjoni (T-43/02, EU:T:2006:270); ArcelorMittal Luxembourg *et* vs Il-Kummissjoni (T-405/06, EU:T:2009:90) u, fl-appell, ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs ArcelorMittal Luxembourg *et* (C-201/09 P u C-216/09 P, EU:C:2011:190).

7 — Il-manek marittimi jintużaw biex jitgħabba l-gass jew prodotti taż-żejt minn installazzjonijiet offshore (pereżempju, bagi ankrati offshore jew pjattaformi li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-estrazzjoni tal-gass jew taż-żejt) fuq tankers u, sussegwentement, biex dawk il-prodotti jinħattu fuq installazzjonijiet oħrajn offshore jew fuq l-art.

8 — Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, ser nuża d-denominazzjoni Parker ITR ukoll għall-perijodi fejn, waqt li kienet tappartjeni lill-grupp Saiag u lill-kumpannija parent intermedjarja ITR, l-impriża kien jisimha ITR Rubber.

14. Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat li ħdax-il kumpannija, fosthom Parker Hannifin Manufacturing (li kienet Parker ITR) u Parker-Hannifin (iktar 'il quddiem flimkien l-"appellati"), kienu, fis-settur tal-manek marittimi fi ħdan iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), wettqu ksur uniku u kontinwu matul diversi perijodi bejn l-1 ta' April 1986 u t-2 ta' Mejju 2007, liema ksur kien jikkonsisti fl-għoti ta' sejħiet għal offerti, l-iffissar tal-prezzijiet, l-iffissar ta' kwoti, l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet tal-bejgħ, il-qsim ta' swieq ġeografiċi u l-iskambju ta' informazzjoni sensittiva dwar prezzijiet, il-volumi ta' bejgħ u s-sejħiet għal offerti.

15. Fl-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni kkonstatat li Parker ITR u Parker-Hannifin kienu pparteċipaw fl-akkordju bejn l-1 ta' April 1986 u t-2 ta' Mejju 2007 (f'dak li jirrigwarda l-ewwel wieħed) u bejn il-31 ta' Jannar 2002 u t-2 ta' Mejju 2007 (f'dak li jirrigwarda t-tieni wieħed). Parker ITR ġiet imposta multa ta' EUR 25 610 000, li minnhom EUR 8 320 000 *in solidum* ma' Parker-Hannifin.

16. Il-Kummissjoni ma żammitx responsabbli lil Pirelli, ITR u Saiag (li kienu l-kumpanniji parent u/jew predeċessuri ta' Parker ITR) bħala destinatarji tad-deċiżjoni u ma ppenalizzathomx, għaliex il-ksur kien preskritt fil-konfront tagħhom.

## II – **Is-sentenza appellata**

17. Fid-9 ta' April 2009, Parker ITR u Parker-Hannifin ippreżentaw rikors quddiem il-Qorti Ġenerali fejn huma talbu, fuq bażi prinċipali, l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn din kienet tikkonċernahom u, sussidjarjament, it-tnaqqis tal-multa imposta. Insostenn tar-rikorsi tagħhom, huma invokaw disa' motivi.

18. Fis-17 ta' Mejju 2013, permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali laqgħet l-ewwel parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju tar-responsabbiltà personali, u annullat l-Artikolu 1(i) tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn żamm lil Parker ITR responsabbli għall-perijodu qabel l-1 ta' Jannar 2002 (punti 83 sa 130). Bħala konsegwenza, il-Qorti Ġenerali laqgħet ukoll il-ħames u s-sitt motivi, li jirrigwardaw iż-żieda fil-multa imposta kontra l-konvenuti minħabba r-rwol ta' tmexxija li kellha Parker ITR għall-perijodu bejn Ġunju 1999 sa Settembru 2001 (punti 139 u 140, 145 u 146 kif ukoll 253 u 254 tas-sentenza appellata).

19. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motivi l-oħrajn.

20. Fl-eżerċitar tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, il-Qorti Ġenerali naqqset il-multa imposta fuq Parker ITR minn EUR 25 610 000 għal EUR 6 400 000. Fir-rigward tal-ammont li għalih Parker-Hannifin kienet inżammet responsabbli *in solidum*, il-Qorti Ġenerali naqqsitu b'EUR 100 000 (jiġifieri għal EUR 6 300 000)[9].

## III – **Fuq l-appell**

21. Insostenn tal-appell tagħha, il-Kummissjoni tinvoka żewġ aggravji. Fir-risposta tagħhom, l-appellati ressqu argumenti dwar il-kalkolu tal-multa f'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-ewwel aggravju.

9 — Il-punt 257 tas-sentenza appellata huwa fformulat hekk: "fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, hemm lok, l-ewwel nett, li jiġi annullat l-Artikolu 1(i) tad-deċiżjoni [kkontestata], sa fejn jirrigwarda l-ksur li hija akkużata bih Parker ITR għall-perijodu qabel ix-xahar ta' Jannar 2002, it-tieni nett, li jiġi ffissat l-ammont tal-multa imposta fuqha għal EUR 6 400 000, għal liema ammont Parker-Hannifin għandha tinżamm responsabbli *in solidum* sa ammont ta' EUR 6 300 000, peress li r-responsabbiltà *in solidum* ta' Parker-Hannifin ma tistax tiġi stabbilita għall-perijodu mill-1 sal-31 ta' Jannar 2002, u, finalment, it-tielet nett, jiġi miċħud il-kumplament tar-rikors".

A – *L-ewwel aggravju: applikazzjoni żbaljata tal-ġurisprudenza dwar il-kontinwità ekonomika*

1. Is-sentenza appellata

22. Wara li fakkret il-ġurisprudenza dwar il-prinċipji tar-responsabbiltà personali (punti 85 sa 88) u tal-kontinwità ekonomika (punti 89 sa 98), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet kif ġej fil-punti 115, 116 u 121 tas-sentenza appellata:

"115 Min-naħa, għandu jiġi kkonstatat li, mis-27 ta' Ġunju 2001 sal-31 ta' Jannar 2002, ITR Rubber kienet sussidjarja miżmuma 100 % minn ITR u, min-naħa l-oħra, li t-trasferiment tal-[attivitajiet relatati mal-] manek tal-gomma [lastku] lil ITR Rubber sar effettiv biss mill-1 ta' Jannar 2002, filwaqt li xejn mill-fajl tal-Kummissjoni ma juri li ITR Rubber kellha xi attività, u, b'mod partikolari, attività b'rabta mal-manek marittimi, qabel din id-data. [...]

116 F'dawn iċ-ċirkustanzi, kienet il-persuna ġuridika li kienet tmexxi lill-impriża inkwistjoni fil-mument meta twettaq il-ksur, jiġifieri ITR u l-kumpannija parent tagħha Saiag, li kienet responsabbli għaliha, anki jekk, fil-ġurnata tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li tikkonstata l-ksur, it-tmexxija tal-attività relattiva għall-manek marittimi kienet tpoġġiet taħt ir-responsabbiltà ta' impriża oħra, f'dan il-każ Parker-Hannifin. Fil-fatt, il-prinċipju tar-responsabbiltà personali ma jistax jitqiegħed indiskussjoni minn dak tal-kontinwità ekonomika fil-każijiet fejn, bħal f'dan il-każ, impriża involuta fl-akkordju, jiġifieri Saiag, u s-sussidjarja tagħha ITR, tittrasferixxi parti mill-attivitajiet tagħha lil terz indipendenti u fejn ma teżisti ebda rabta strutturali bejn min jittrasferixxi u min jirċievi — jiġifieri, f'dan il-każ, bejn Saiag jew ITR u Parker-Hannifin.

[...]

121 [...] peress li għandha tiġi injorata l-premessa tar-raġunament tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-kriterju tal-kontinwità ekonomika biss għat-trasferiment tal-attiv ta' ITR lil ITR Rubber (u mhux it-trasferiment tas-sussidjarja ITR Rubber lil Parker-Hannifin), ir-responsabbiltà ta' Saiag u ta' ITR ma setgħetx ġiet ittrasferita lil ITR Rubber b'applikazzjoni ta' dan il-[prinċipju].[...]"

2. L-argumenti tal-partijiet

23. Il-Kummissjoni ssostni li f'din il-kawża, għandha ssir distinzjoni bejn żewġ trasferimenti ta' attiv: fl-ewwel lok, trasferiment intragrupp, f'dan il-każ fil-grupp Saiag, li fi ħdanu l-attiv ta' ITR ġie ttrasferit lil ITR Rubber u, fit-tieni lok, trasferiment intragrupp, f'dan il-każ bejn il-gruppi Saiag u Parker-Hannifin, bil-bejgħ minn Saiag lil Parker-Hannifin ta' ITR Rubber, li sussegwentement saret ITR Parker.

24. Skont il-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali indirizzat biss, fis-sentenza appellata, it-tieni trasferiment.

25. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ewwel trasferiment seħħ fil-kundizzjonijiet meħtieġa mill-ġurisprudenza sabiex ikun hemm każ ta' kontinwità ekonomika. Hija tfakkar li, skont din il-ġurisprudenza, meta żewġ entitajiet (f'dan il-każ ITR u ITR Rubber) jikkostitwixxu l-istess entità ekonomika, il-fatt li l-entità li tkun wettqet il-ksur (ITR) tkun għadha teżisti ma jipprekudix, fih innifsu, li tiġi ppenalizzata l-entità li lilha hija tkun ittrasferixxiet l-attivitajiet ekonomiċi tagħha (ITR Rubber). Skont il-Kummissjoni, tali implementazzjoni tas-sanzjoni hija b'mod partikolari ammissibbli meta dawn l-entitajiet kienu taħt il-kontroll tal-istess persuna (f'dan il-każ Saiag) u li, fir-rigward tar-rabtiet stretti li jgħaqqduhom fuq livell ekonomiku u organizzattiv, fil-parti l-kbira applikaw l-istess direttivi kummerċjali.

26. Għall-Kummissjoni, id-data rilevanti biex jiġi evalwat jekk kienx hemm trasferiment ta' attiv fi ħdan grupp jew inkella bejn impriżi indipendenti hija dik meta jsir it-trasferiment ta' attiv stess. F'dan il-każ, kienet tabilħaqq Saiag/ITR li ħolqot ITR Rubber, is-sussidjarja li lilha ġie ttrasferiti l-attiv meta hija kienet taħt il-kontroll tagħhom.

27. Għalkemm huwa neċessarju li jkunu jeżistu rabtiet strutturali f'dik id-data, min-naħa l-oħra ma huwiex neċessarju li dawk ir-rabtiet jibqgħu jeżistu matul il-perijodu kollu tal-ksur. Il-fatt li ITR Rubber ma baqgħetx fil-grupp Saiag u li kien għadda biss perijodu qasir bejn il-ħolqien tagħha u l-bejgħ tagħha lill-grupp Parker-Hannifin huwa irrilevanti. Bl-istess mod, iċ-ċirkustanza li ITR Rubber kienet, sa mill-ħolqien tagħha, iddestinata li tinbiegħ huwa irrilevanti: sabiex ma tinħoloqx inċertezza legali, l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' kontinwità ekonomika fil-fatt għandha tkun irregolata minn regoli oġġettivi u ċari u ma għandhiex tiddependi minn intenzjonijiet suġġettivi jew minn avvenimenti li jseħħu wara t-trasferiment.

28. Il-Kummissjoni tiddikjara wkoll li, għall-kuntrarju ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, hija ma kinitx obbligata żżomm responsabbli għall-aġir li jikkostitwixxi ksur lill-kumpanniji parent Saiag u ITR. Iċ-ċirkustanza li, f'kawża preċedenti, hija għażlet li żżomm responsabbli lill-kumpannija parent ċedenti u mhux lis-sussidjarja li kienet is-suġġett tat-trasferiment hija irrilevanti, inkwantu l-prassi deċiżjonali preċedenti tagħha ma toħloqx qafas ġuridiku vinkolanti biex tiġi evalwata l-legalità tal-atti li hija tadotta ulterjorment. Billi għażlet, f'din il-kawża, li żżomm lil ITR Rubber responsabbli għall-ksur bħala suċċessur ekonomiku ta' ITR, il-Kummissjoni użat is-setgħa diskrezzjonali tagħha rrikonoxxuta lilha mill-ġurisprudenza. F'dan ir-rigward, hija tosserva li, għalkemm il-fatt li imponiet multa kontra Parker ITR seta' ċertament naqqas il-valur tal-investiment li sar minn Parker-Hannifin, dan ir-riskju ma huwiex distint minn riskji oħrajn li wieħed jidħol għalihom meta tinxtara kumpannija (pereżempju, ir-riskju li wieħed irid jassumi responsabbiltà ambjentali) u li kontrih akkwirent jista' jipproteġi ruħu billi jipprevedi klawżoli ta' nuqqas ta' responsabbiltà xierqa fil-ftehim ta' bejgħ u ta' xiri.

29. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tindika li kien saħansitra iktar iġġustifikat li Parker ITR tinżamm responsabbli għall-ksur għall-perijodu kollu li matulu l-attiv li kien is-suġġett tal-ksur kien ipparteċipa fil-ksur għaliex kien impossibbli, minħabba preskrizzjoni, li tiġi imposta sanzjoni kontra l-ex kumpannija li kienet iżżomm l-attiv, jiġifieri Saiag/ITR. Minn din il-perspettiva, l-impossibbiltà li tiġi imposta multa kontra l-ex operatur minħabba preskrizzjoni kienet ekwivalenti għal sitwazzjoni li fiha dan tal-aħħar waqaf jeżisti legalment jew waqqaf kull attività ekonomika, każ li fih, sabiex tiġi ggarantita l-applikazzjoni effettiva tad-dritt tal-Unjoni tal-kompetizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat espliċitament li kien hemm suċċessjoni ekonomika [10].

30. Bħala tweġiba għal dan, Parker Hannifin Manufacturing u Parker-Hannifin jargumentaw li l-Kummissjoni tinterpreta b'mod żbaljat il-ġurisprudenza dwar il-kontinwità ekonomika. Skont l-appellati u għall-kuntrarju ta' dak li ssostni l-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ma stabbilixxietx, fis-sentenza ETI *et* (EU:C:2007:775), regola mekkanika li tgħid li l-eżistenza fil-passat ta' sempliċi rabta strutturali bejn iċ-ċedent u ċ-ċessjonarju tal-attività implikata fi ksur tagħmel awtomatikament liċ-ċessjonarju responsabbli għal dak il-ksur. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet espressament li tali konsegwenza kienet possibbli biss bil-kundizzjoni li jintwera li ċ-ċedent u ċ-ċessjonarju kienu taħt il-kontroll effettiv tal-istess persuna fil-mument meta kienet teżisti r-rabta strutturali u li huma jkunu applikaw essenzjalment l-istess direttivi kummerċjali. Parker Hannifin Manufacturing u Parker-Hannifin jiddikjaraw ukoll li l-interpretazzjoni tagħhom hija konformi mas-sentenza sussegwenti ThyssenKrupp Nirosta vs Il-Kummissjoni (C-352/09 P, EU:C:2011:191), li fiha la

10 — Il-Kummissjoni tirreferi għas-sentenza ETI *et* (EU:C:2007:775, punt 41).

l-Kummissjoni u lanqas il-Qorti tal-Ġustizzja ma invokaw ir-rabta strutturali li kienet teżisti oriġinarjament bejn iċ-ċedent Thyssen Stahl u ċ-ċessjonarju ThyssenKrupp Nirosta bħala raġuni possibbli, jew suffiċjenti, biex it-tieni entità tinżamm responsabbli għall-aġir li jikkostitwixxi ksur ta' din tal-ewwel.

31. Issa, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni totalment naqset milli tevalwa jekk, matul it-tul qasir tar-rabta strutturali li eżistiet bejn ITR u ITR Rubber, dawk iż-żewġ entitajiet kinux, kif teżiġi s-sentenza ETI *et* (EU:C:2007:775), taħt il-kontroll tal-istess persuna u kinux, fir-rigward tar-rabtiet stretti li kienu jgħaqqduhom fuq il-livell ekonomiku u organizzattiv, applikaw essenzjalment l-istess direttivi kummerċjali. Id-deċiżjoni kkontestata tirreferi biss għall-fatt li, fil-mument tat-trasferiment tal-attivitajiet tal-manek marittimi minn ITR lil ITR Rubber, it-tieni waħda kienet "miżmuma 100 %" minn din tal-ewwel. L-imsemmija deċiżjoni ma tagħmel ebda riferiment għall-ġurisprudenza li tgħid li kumpannija parent tista' tiġi preżunta li teżerċita influwenza determinanti fuq sussidjarja miżmuma 100 %. Fl-ipoteżi ulterjuri fejn id-deċiżjoni kkontestata impliċitament ibbażat fuq din il-preżunzjoni, ikun hemm ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħhom skont l-appellati, għaliex ma kienx hemm riferiment ċar fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

32. Parker Hannifin Manufacturing u Parker-Hannifin jiddeduċu minn dan li, peress li l-Kummissjoni naqset milli tevalwa fid-deċiżjoni kkontestata, jekk ITR u ITR Rubber (li saret Parker ITR) kinux jikkostitwixxu impriża waħda waqt il-perijodu qasir li matulu huma kellhom rabta strutturali, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta kkonkludiet li Parker ITR ma setgħetx tinżamm responsabbli mill-aġir ta' ITR fuq is-sempliċi bażi ta' tali rabta strutturali fl-imgħoddi.

33. L-appellati fl-aħħar nett jenfasizzaw li r-regoli tal-preskrizzjoni huma regoli oġġettivi li l-applikazzjoni tagħhom hija indipendenti mill-entitajiet implikati fi ksur. Filwaqt li dawn tal-aħħar jistgħu jippruvaw jaħarbu mir-responsabbiltà tagħhom permezz ta' trasferimenti ta' sussidjarji, huma min-naħa l-oħra ma għandhom ebda kontroll fuq l-applikazzjoni tar-regoli ta' preskrizzjoni. L-affermazzjoni tal-Kummissjoni li l-impossibbiltà li tiġi imposta multa kontra entità minħabba l-preskrizzjoni hija ekwivalenti għal sitwazzjoni li fiha l-ex operatur ikun waqaf jeżisti legalment jew ikun waqqaf kull attività ekonomika b'hekk hija ambigwa.

## 3. Kunsiderazzjonijiet

### a) Introduzzjoni

34. Din il-kawża taqa' b'mod partikolari taħt il-linja tas-sentenza ETI *et* (EU:C:2007:775), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat l-eżistenza ta' kontinwità ekonomika f'ċirkustanzi ferm simili għal dawk f'din il-kawża. Effettivament, f'dik il-kawża, kien hemm trasferiment intragrupp ta' attiv lil sussidjarja maħluqa ġdida, li ġiet ikkostitwita bil-għan li tiġi privatizzata u sussegwentement mibjugħa, bħal f'din il-kawża (u dan mingħajr ebda indikazzjoni ta' intenzjoni abbużiva). Iż-żewġ partijiet f'dan l-appell jibbażaw ruħhom barra minn hekk fuq din is-sentenza, iżda biex isostnu argumenti opposti.

### b) Ġurisprudenza

35. Għandu jitfakkar li d-dritt tal-Unjoni tal-kompetizzjoni japplika għal impriżi li l-istruttura, il-mod ta' finanzjament, l-organizzazzjoni legali u l-azzjonisti tagħhom jistgħu jvarjaw maż-żmien. Jiena jidhirli (bħall-Kummissjoni) li din iċ-ċirkustanza u n-neċessità li tiġi adattata l-applikazzjoni effettiva tad-dritt tal-kompetizzjoni għal dawn il-bidliet jistgħu jiġġustifikaw li jiġu aċċettati derogi mill-prinċipju tar-responsabbiltà personali, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet bħal dik tal-kawża li tat lok għas-sentenza ETI *et* (EU:C:2007:775) jew dik ta' din il-kawża, fejn japplika l-prinċipju ta' kontinwità ekonomika.

36. B'mod ċar, jekk impriża takkwista oħra billi tixtri l-ishma tagħha, normalment ma jkunx hemm problema għaliex l-*entità legali* tibqa' l-istess (trasferiment ta' entità legali). Għall-kuntrarju, id-diffikultajiet jinqalgħu f'sitwazzjonijiet fejn ix-xerrej jixtri n-"negozju" ta' impriża implikata fi ksur u meta jkun l-*attiv* li jiġi ttrasferit (trasferiment ta' attiv)[11].

37. Fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni (C-49/92 P, EU:C:1999:356, punt 145), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fir-rigward tal-prinċipju ta' kontinwità ekonomika (li Anic talbet li jiġi applikat minħabba t-trasferiment tal-attiv tagħha kkonċernat bil-ksur), li "inkwantu Anic tilmenta li l-Qorti tal-Prim Istanza żammitha responsabbli għall-ksur minkejja li kienet ittrasferixxiet l-attività tagħha relatata mal-polypropylene lil Monte, hija qiegħda tinjora l-prinċipju ta' responsabbiltà personali u tinjora l-fattur deċiżiv, li jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara f'dan is-sens, is-sentenza Suiker Unie *et* vs Il-Kummissjoni, [40/73 sa 48/73, 50/73, 54/73 sa 56/73, 111/73, 113/73 u 114/73, EU:C:1975:174], punti 80 u 84), li l-hekk imsejjaħ [prinċipju] ta' 'kontinwità ekonomika' jista' japplika biss f'każ fejn il-persuna ġuridika responsabbli mill-operat tal-impriża tkun waqfet teżisti legalment wara t-twettiq tal-ksur. Minn dan isegwi wkoll li l-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji b'ebda mod ma tmur kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali".

38. Madankollu, is-sempliċi fatt li entità ġuridika implikata fi ksur tkompli teżisti mhux neċessarjament jeskludi l-possibbiltà għall-Kummissjoni li tattribwixxi r-responsabbiltà lill-entità li lilha jkunu ġew ittrasferiti l-attivitajiet ekonomiċi.

39. Hekk kif fakkret reċentement il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Versalis vs Il-Kummissjoni (C-511/11 P, EU:C:2013:386), "[s]kont ġurisprudenza stabbilita, id-dritt tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni jkopri l-attivitajiet ta' impriżi, u l-kunċett ta' impriża jinkludi kull entità li teżerċita attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali ta' din l-entità u mill-mod ta' finanzjament tagħha. Skont il-prinċipju ta' responsabbiltà personali, meta tali entità tikser ir-regoli tal-kompetizzjoni, hija għandha twieġeb għal dan il-ksur [[12]]. [...] Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, *meta żewġ entitajiet jikkostitwixxu l-istess entità ekonomika, il-fatt li l-entità li wettqet il-ksur għadha teżisti ma jimpedixxix, fih innifsu, li tiġi ssanzjonata l-entità li lilha hija ttrasferixxiet l-attivitajiet ekonomiċi tagħha*. B'mod partikolari, tali applikazzjoni tas-sanzjoni hija ammissibbli meta dawn l-entitajiet kienu *taħt il-kontroll tal-istess persuna u, fid-dawl tal-konnessjonijiet stretti li jgħaqqduhom fuq il-livell ekonomiku u organizzattiv, applikaw fil-biċċa l-kbira l-istess direttivi kummerċjali*"[13] (enfasi miżjuda minni). Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tirreferi barra minn hekk għall-istess kundizzjonijiet li japplikaw għall-prinċipju ta' kontinwità ekonomika (punti 92 u 93).

40. Nista' nifhem il-loġika wara din il-ġurisprudenza: meta jitqies id-dewmien twil tal-akkordji u, xi kultant, tal-investigazzjonijiet tal-Kummissjoni, huwa importanti — f'sitwazzjonijiet ta' kontinwità ekonomika intragrupp (li tista' barra minn hekk tintuża biex tiġi evitata r-responsabbiltà) — li jiġi evitat li l-ksur jibqa' mhux ippenalizzat, b'mod partikolari b'applikazzjoni tal-prinċipju tal-effettività tad-dritt tal-Unjoni tal-kompetizzjoni.

41. Fis-sentenza HFB *et* vs Il-Kummissjoni (T-9/99, EU:T:2002:70, punt 106), il-Qorti Ġenerali ġustament iddeċidiet li "huwa minnu li, f'ċerti ċirkustanzi, ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni jista' jiġi imputat lis-suċċessur ekonomiku ta' persuna ġuridika li tkun l-awtriċi ta' dak il-ksur, anki meta din tal-aħħar ma tkunx waqfet teżisti fid-data meta tiġi adottata d-deċiżjoni li tikkonstata l-imsemmi ksur, sabiex l-effettività ta' dawn ir-regoli ma tiġix ippreġudikata minħabba bidliet li jsiru, b'mod partikolari, fil-forma legali tal-impriżi kkonċernati"[14].

11 — Ara, pereżempju, A. Jones, u B. Sufrin, EC Competition Law, Oxford, 2004, p. 121.

12 — Il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi, f'dan is-sens, għas-sentenza ETI *et* (EU:C:2007:775, punti 38 u 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

13 — Il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi għas-sentenza ETI *et* (EU:C:2007:775, punti 48 u 49 kif ukoll għall-ġurisprudenza ċċitata, jiġifieri s-sentenza Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, EU:C:2004:6, punti 355 sa 358).

14 — Il-Qorti Ġenerali tirreferi għas-sentenza NMH Stahlwerke vs Il-Kummissjoni (T-134/94, EU:T:1999:44, punt 127).

42. Fis-sentenza tal-Awla Manja tagħha ETI *et* (EU:C:2007:775, punti 40, 41 u 44), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' kontinwità ekonomika hija ġġustifikata min-neċessità li jiġi żgurat li s-sanzjonijiet li jippenalizzaw il-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni jkollhom effett dissważiv.

43. Fil-punt 41 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, "jekk ebda possibbiltà oħra ta' impożizzjoni ta' sanzjoni fuq entità oħra għajr fuq dik li wettqet il-ksur mhija prevista, impriżi jistgħu jaħarbu sanzjonijiet bis-sempliċi fatt li l-identità tagħhom kienet modifikata wara ristrutturazzjonijiet, ċessjonijiet jew bidliet legali jew organizzattivi oħra. L-għan li jiġu soppressi l-komportamenti kuntrarji għar-regoli tal-kompetizzjoni u li jiġi evitat li dan jerġa' jseħħ permezz ta' sanzjonijiet deterrenti [15] [għaldaqstant jiġi kkompromess]". Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ukoll, fil-punt 42, li "[...] meta entità li wettqet ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tkun is-suġġett ta' tibdil ġuridiku jew organizzattiv, dan it-tibdil m'għandux neċessarjament bħala effett li joħloq impriża ġdida ħielsa mir-responsabbiltà għall-komportamenti kuntrarji għar-regoli tal-kompetizzjoni ta' l-entità preċedenti jekk, mil-lat ekonomika, hemm identiċità bejn iż-żewġ entitajiet".

44. Bl-istess mod, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 51 tas-sentenza tagħha Hoechst vs Il-Kummissjoni(T-161/05, EU:T:2009:366) li "għall-infurzar effettiv tad-dritt tal-kompetizzjoni, jista' jkun neċessarju li, bħala eċċezzjoni, akkordju jiġi imputat mhux lill-operatur oriġinali, iżda lill-operatur il-ġdid tal-impriża involuta, fil-każ fejn dan jista' effettivament jitqies li huwa s-suċċessur tal-operatur oriġinali, jiġifieri jekk ikompli jopera l-impriża involuta fl-akkordju". U l-Qorti Ġenerali tiċċita l-punt 41 tas-sentenza ETI *et* (EU:C:2007:775).

c) Din il-kawża

i) Teħid ta' pożizzjoni ġenerali

45. Jidhirli li, għalkemm il-Qorti Ġenerali tabilħaqq fakkret (iżda mingħajr ma analizzatha fil-fond) il-ġurisprudenza korretta dwar il-kontinwità ekonomika intragrupp, hija ma applikathiex sew għal din il-kawża.

46. Kif irrilevat ġustament il-Kummissjoni, f'din il-kawża għandha ssir distinzjoni bejn żewġ trasferimenti ta' attiv (żewġ tranżazzjonijiet distinti li kull waħda minnhom għandha l-konsegwenzi legali tagħha [16]): l-ewwel trasferiment, *intragrupp*, f'dan il-każ fil-grupp Saiag, li fi ħdanu l-attiv ta' ITR ġie ttrasferit lil ITR Rubber u t-tieni trasferiment, *intergruppi* din id-darba, f'dan il-każ bejn il-gruppi Saiag u Parker-Hannifin, bil-bejgħ minn Saiag lil Parker-Hannifin ta' ITR Rubber, li sussegwentement saret ITR Parker [17].

47. Issa, is-sentenza appellata indirizzat biss it-tieni trasferiment (ara, pereżempju, il-punti 116 u 121 ta' din is-sentenza), u din l-interpretazzjoni ġiet proposta mir-rikorrenti fl-ewwel istanza u sostnuta mill-Qorti Ġenerali. B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi kkwalifikat il-fatti b'mod żbaljat, li pprovoka applikazzjoni żbaljata tal-prinċipju ta' kontinwità ekonomika. Fil-fatt, il-Qorti

15 — Il-Qorti tal-Ġustizzja hawnhekk tirreferi, f'dan is-sens, għall-ġurisprudenza li ġejja: is-sentenzi ACF Chemiefarma vs Il-Kummissjoni (41/69, EU:C:1970:71, punt 173); Showa Denko vs Il-Kummissjoni (C-289/04 P, EU:C:2006:431, punt 61), Britannia Alloys & Chemicals vs Il-Kummissjoni (C-76/06 P, EU:C:2007:326, punt 22).

16 — Fil-fatt, għalkemm żewġ tranżazzjonijiet jistgħu jkunu interdipendenti fuq il-livell ekonomiku, madankollu wieħed ma jistax jinjora l-ewwel waħda jew iqis li r-responsabbiltajiet legali riżultanti jisparixxu billi jiġu assorbiti *ipso facto* fit-tieni waħda.

17 — Jidhirli (l-istess bħall-Kummissjoni) li s-suġġett ta' din il-kawża ma huwiex manifestament is-sempliċi bejgħ ta' entità legali li pparteċipat fil-ksur; kieku ITR kienet inbiegħet bħala entità legali, ir-responsabbiltà li kienet tkompli tiġi marbuta ma' dik l-entità fi ħdan il-grupp il-ġdid għall-imgħoddi tirriżulta mis-sentenza Cascades vs Il-Kummissjoni (EU:C:2000:626). Din il-kawża lanqas ma tista' tiġi ppreżentata bħala l-bejgħ ta' attiv lil grupp indipendenti.

Ġenerali bbażat b'mod żbaljat fuq l-assenza ta' rabtiet strutturali wara t-trasferiment ta' attiv favur Parker ITR, jiġifieri bejn Saiag/ITR u Parker-Hannifin, filwaqt li rabtiet simili kienu jeżistu bejn ITR u s-sussidjarja tagħha Parker ITR, li tagħha kellha 100 % tal-ishma, sa mill-ewwel trasferiment tal-attiv (intragrupp) sad-data tat-tieni trasferiment (intergruppi).

48. Fil-fehma tiegħi, l-ewwel trasferiment seħħ fil-kundizzjonijiet meħtieġa mill-ġurisprudenza sabiex jitqies li hemm każ ta' kontinwità ekonomika li jippermetti li ssir deroga mill-prinċipju ta' responsabbiltà personali.

49. Effettivament, skont il-ġurisprudenza[18], meta żewġ entitajiet (f'dan il-każ ITR u ITR Rubber) jikkostitwixxu l-istess entità ekonomika, il-fatt li l-entità li tkun wettqet il-ksur (ITR) tkun għadha teżisti ma jipprekludix, fih innifsu, li tiġi ppenalizzata l-entità li lilha hija tkun ittrasferixxiet l-attivitajiet ekonomiċi tagħha (ITR Rubber). Barra minn hekk, tali implementazzjoni tas-sanzjoni hija b'mod partikolari ammissibbli ladarba dawn l-entitajiet kienu taħt il-kontroll tal-istess persuna (f'dan il-każ Saiag) u li, fir-rigward tar-rabtiet stretti li jgħaqqduhom fuq il-livell ekonomiku u organizzattiv, fil-parti l-kbira, applikaw l-istess direttivi kummerċjali.

50. Huwa importanti li jitfakkar li, fil-każ ta' ITR, l-attiv ġie ttrasferit lil entità (ITR Rubber) maħluqa fi ħdan l-istess impriża li hija l-awtriċi tal-ksur (ITR) matul iż-żmien meta kien qiegħed iseħħ dak il-ksur, b'mod li l-kundizzjonijiet tal-kontinwità ekonomika intragrupp kienu ssodisfatti. Sussegwentement, mhux l-attiv iżda kienet l-entità legali (ITR Rubber) li ġiet ittrasferita mill-grupp Saiag/ITR lill-grupp Parker-Hannifin qabel ma ssemmiet Parker ITR. Għandu jingħad ukoll li l-Kummissjoni, *fid-dawl tal-prinċipju ta' kontinwità ekonomika, ma żammitx responsabbli lil Parker-Hannifin, għall-perijodu qabel ma xtrat l-ishma ta' ITR Rubber*.

51. B'hekk hija inkwistjoni biss ir-*responsabbiltà ta' ITR Rubber (jew Parker ITR) infisha*, li qabel ma nbiegħet lil Parker-Hannifin, kienet irċeviet l-attiv li jikkostitwixxi s-suġġett tal-ksur mill-kumpannija parent tagħha stess, ITR, membru tal-grupp Saiag/ITR. Fil-fehma tiegħi, l-argument tal-Kummissjoni huwa korrett, inkwantu jikkonsisti f'affermazzjoni li dan it-trasferiment ta' attiv intragrupp qabel il-bejgħ tas-sussidjarja jippermetti b'mod konformi mal-ġurisprudenza, li ITR Rubber (jew Parker ITR), bħala suċċessur ekonomiku intragrupp, tinżamm responsabbli għall-aġir li jikkostitwixxi ksur ta' ITR. Kienu x'kienu l-għanijiet finali mfittxija minn Saiag/ITR meta ħolqot ITR Rubber, it-trasferiment ikkostitwixxa bidla organizzattiva interna[19] li permezz tagħha l-attività implikata fl-akkordju ġiet ittrasferita lil ITR Rubber, li oriġinarjament taħt dan l-isem u sussegwentement taħt l-isem Parker ITR *kompliet b'dik l-attività u bil-parteċipazzjoni tagħha fl-akkordju għal mhux inqas minn sitt snin*. Fi kliem ieħor, ITR Rubber (li saret Parker ITR) baqgħet responsabbli, billi ħolqot responsabbiltà ġdida għall-proprjetarju ġdid tagħha permezz tal-parteċipazzjoni kontinwa fil-ksur. Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' dak li tidher li taħseb il-Qorti Ġenerali, il-bejgħ tal-entità legali ma jistax ikun biżżejjed biex tiġi tintemm il-kontinwità ekonomika preċedenti[20].

18 — Ara s-sentenzi Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (EU:C:2004:6, punti 356 sa 359) u ETI *et* (EU:C:2007:775, punti 48 u 49). Il-punt 359 tas-sentenza Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (EU:C:2004:6) huwa partikolarment rilevanti f'din il-kawża: "f'dan ir-rigward, huwa minnu li fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 145), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li jista' jkun hemm kontinwità ekonomika biss f'każ fejn il-persuna ġuridika responsabbli għall-operat tal-impriża tkun waqfet teżisti legalment wara t-twettiq tal-ksur. *Dik il-kawża madankollu kienet tikkonċerna l-każ ta' żewġ impriżi eżistenti u operattivi li waħda minnhom kienet sempliċement ittrasferixxiet parti speċifika mill-attivitajiet tagħha lill-oħra, u li ma kellhomx rabta strutturali bejniethom. Issa, hekk kif jirriżulta mill-punt 344 ta' din is-sentenza, dan ma huwiex il-każ hawnhekk*" (enfasi miżjuda minni).

19 — Ara s-sentenza ETI *et* (EU:C:2007:775, punti 41, 42 u 44).

20 — Effettivament, il-bejgħ tal-attiv inkwistjoni fi ħdan il-grupp Saiag u l-bejgħ sussegwenti tal-entità legali Parker ITR lil grupp ġdid għandhom jiġu ttrattati, fuq il-livell kunċettwali, bħala avvenimenti distinti.

ii) Analiżi ddettaljata tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali

52. Jekk immorru lura għas-sentenza appellata, jista' jiġi stabbilit li l-Qorti Ġenerali ddedikat xejn inqas minn 48 punt għall-prinċipju ta' kontinwità ekonomika (jiġifieri l-punti 83 sa 130 tal-imsemmija sentenza). Madankollu, il-motivi li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali eskludiet ir-responsabbiltà ta' ITR Rubber (li saret, wara t-trasferiment lill-grupp Parker-Hannifin, Parker ITR) bħala suċċessur ekonomiku ta' ITR ma jidhirlix li jirriżultaw b'mod ċar mis-sentenza appellata.

53. Jekk neżaminaw il-punti tas-sentenza appellata ċċitati fil-punt 22 ta' dawn il-konklużjonijiet, jidher li l-Qorti Ġenerali rraġunat skont kif ġej: i) ITR Rubber kien ilha teżisti biss għal seba' xhur fi ħdan il-grupp Saiag u eżerċitat attivitajiet marbuta mal-manek marittimi biss għal żmien qasir (xahar) (punt 115); ii) ITR Rubber ġiet ikkostitwita fi ħdan il-grupp Saiag biss bil-għan li tinbiegħ lil impriża terza (jiġifieri l-grupp Parker) (punt 115); iii) "f'dawn iċ-ċirkustanzi", huwa l-ex operatur tal-attivitajiet inkwistjoni (ITR u l-kumpannija parent tagħha Saiag) li kellu jwieġeb għall-ksur għall-perijodu preċedenti fl-1 ta' Jannar 2002, id-data tat-trasferiment lil ITR Rubber tal-attivitajiet implikati fl-akkordju (punt 116, l-ewwel sentenza, kif ukoll il-punti 118[21] u 119[22]); iv) it-trasferiment, minn Saiag, ta' ITR lil Parker-Hannifin b'hekk ma jistax jiġi analizzat bħala każ ta' kontinwità ekonomika (punt 116, it-tieni sentenza).

54. Hawn taħt ser nanalizza l-elementi u ċ-ċirkustanzi li fuqhom ibbażat ir-raġunament tagħha l-Qorti Ġenerali biex tiċħad l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' kontinwità ekonomika.

– Meta jridu jkunu eżistew ir-rabtiet strutturali bejn iċ-ċedent u ċ-ċessjonarju? Iċ-ċedent għandu jkun waqaf jeżisti legalment?

55. Huwa minnu li s-sentenza ETI *et* (EU:C:2007:775, punt 50) tagħmel riferiment għal rabtiet strutturali bejn iċ-ċedent u ċ-ċessjonarju "fiż-żmien tal-komportament ta' ksur tagħhom".

56. Iżda, f'sentenzi ta' appell il-Qorti tal-Ġustizzja diġà vvalidat l-eżistenza ta' kontinwità ekonomika anki meta t-trasferiment ta' attiv seħħ wara li ntemm il-ksur (li fil-fehma tiegħi jikkorrobora li r-rabtiet strutturali mhux bilfors iridu jeżistu matul il-perijodu ta' ksur kollu), iżda fejn ir-rabtiet strutturali bejn iż-żewġ entitajiet ċedenti u ċessjonarja kienu jeżistu *fid-data tad-deċiżjoni* t *al-Kummissjoni*.

57. Fis-sentenza tagħha Cimenteries CBR *et* vs Il-Kummissjoni[23], il-Qorti Ġenerali kkonfermat l-istatus ta' suċċessur ekonomiku ta' Aalborg, li kienet irċeviet l-attiv li kien is-suġġett tal-ksur imwettaq minn Aktieselskabet Aalborg Portland-Cement Fabrik (AAPCF) meta ġiet ikkostitwita fl-1990 (b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 1990), filwaqt li l-ksur dam għaddej minn Jannar 1983 sa Diċembru 1988. Filwaqt li l-kumpannija Aalborg argumentat li l-kumpannija li wettqet il-ksur "ma kinitx waqfet teżisti legalment, inkwantu saret kumpannija holding li kellha, taħt isem ġdid, 50 % tal-ishma ta' Aalborg" (punt 1334), il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan l-argument, fuq il-bażi li dawk il-bidliet kienu saru fil-kuntest tal-organizzazzjoni mill-ġdid tal-grupp, li kien jippermetti li Aalborg u lill-awtur tal-ksur jitqiesu bħala li jikkostitwixxu l-istess entità ekonomika fis-sens tal-Artikolu 81 KE u, għaldaqstant, li l-Kummissjoni "iżżomm lil Aalborg responsabbli għall-attivitajiet tal-kumpannija" inkwistjoni (punt 1335).

21 — "Konsegwentement, kienet il-Kummissjoni li kellha tikkonstata li Saiag u ITR kienu responsabbli mill-ksur sal-1 ta' Jannar 2002, u wara, jekk kien il-każ, li tikkonstata li dan il-ksur kien preskritt, hekk kif tippermettilha ġurisprudenza stabbilita […]".

22 — "Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ma setgħetx, f'tali kundizzjonijiet, tinvoka r-responsabbiltà ta' ITR Rubber għall-perijodu preċedenti għall-1 ta' Jannar 2002, id-data li fiha ġie ttrasferit lilha l-attiv involut fl-akkordju".

23 — T-25/95, T-26/95, T-30/95 sa T-32/95, T-34/95 sa T-39/95, T-42/95 sa T-46/95, T-48/95, T-50/95 sa T-65/95, T-68/95 sa T-71/95, T-87/95, T-88/95, T-103/95 u T-104/95, EU:T:2000:77, punti 1334 u 1335 tal-motivi u l-punt 15 tad-dispożittiv.

58. Fl-istadju tal-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja vvalidat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali dwar dan il-punt[24].

59. Aalborg kienet argumentat ukoll li hija "ma setgħetx tinżamm responsabbli għall-attivitajiet ta' akkordju matul il-perijodu fil-passat li miegħu d-deċiżjoni Siment, għall-kuntrarju tad-[dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet], torbot dak il-ksur. Peress [li hija] kienet għadha ma ġietx ikkostitwita fil-mument tal-laqgħat inkwistjoni, huwa inkontestabbli li r-rappreżentanti tagħha kienu assenti għal-laqgħat meqjusa bħala fundamentali għall-akkordju kkonstatat fid-deċiżjoni Siment" (punt 351 tal-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja).

60. Wara li indikat li l-punt legali kien jirrigwarda l-kwistjoni jekk il-fatt li l-kumpannija li kienet wettqet il-ksur "kinitx għadha teżisti, kienx jeskludi totalment u neċessarjament il-possibbiltà, għall-Kummissjoni, li tipproċedi kontra Aalborg bħala awtriċi tal-ksur minn perspettiva ekonomika u organizzattiva", il-Qorti tal-Ġustizzja wieġbet b'mod negattiv, u indikat li, meta titqies l-identiċità ekonomika tal-impriża preċedentement u wara l-bidliet li seħħu, iż-żamma tal-eżistenza tal-imsemmija kumpannija bħala entità legali "b'hekk ma kinitx tikkostitwixxi, fiha nfisha, raġuni ta' annullament tad-deċiżjoni" (punt 358). Filwaqt li ammettiet li kienet iddeċidiet fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni (EU:C:1999:356) li ma setax ikun hemm kontinwità ekonomika ħlief f'każ fejn il-persuna ġuridika responsabbli mill-operat tal-impriża tkun waqfet teżisti legalment wara t-twettiq tal-ksur, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, fil-kawża li tat lok għal din is-sentenza, kien hemm "żewġ impriżi eżistenti u operattivi li waħda minnhom sempliċement ittrasferixxiet parti speċifika mill-attivitajiet tagħha lill-oħra u li ma kienx hemm rabta strutturali bejniethom" (punt 359)[25], filwaqt li, f'din il-kawża, dan ma kienx il-każ.

61. Dan kien ukoll l-approċċ tal-Qorti Ġenerali fis-sentenza tagħha Jungbunzlauer vs Il-Kummissjoni (EU:T:2006:270, punti 131 u 132): "[g]ħal dak li jikkonċerna l-perijodu qabel ir-ristrutturar tal-grupp Jungbunzlauer fl-1993, għandu jkun ikkonstatat [...] illi, sa l-1993, Jungbunzlauer GmbH kienet responsabbli mhux biss mill-attivitajiet tal-grupp fis-suq ta' l-aċidu ċitriku iżda ukoll mit-tmexxija ta' l-attivitajiet kollha tal-grupp. Dan l-aħħar impenn, li kien jikkonsisti fit-tmexxija ta' l-attivitajiet tal-grupp, inklużi dawk li jirrigwardaw is-suq ta' l-aċidu ċitriku, *madankollu fl-1993 kienu ġew ittrasferiti lil Jungbunzlauer, li b'hekk saret is-suċċessur ekonomiku ta' Jungbunzlauer għal dak li jikkonċerna t-tmexxija ta' l-attivitajiet tal-grupp*" (enfasi miżjuda minni), iżda "il-fatt illi kumpannija tkompli teżisti bħala entità legali ma jeskludix illi, fir-rigward tad-dritt [tal-Unjoni tal-kompetizzjoni], jista' jkun hemm trasferiment ta' parti mill-attivitajiet ta' din il-kumpannija, lil kumpannija oħra, li ssir responsabbli għall-atti kommessi mill-ewwel waħda".

62. Bl-istess mod, fis-sentenza ArcelorMittal Luxembourg *et* vs Il-Kummissjoni[26], il-konstatazzjoni ta' kontinwità ekonomika ġiet ikkonfermata minkejja li t-trasferiment ta' attiv lil ProfilARBED kien seħħ fl-1992, jiġifieri wara l-waqfien tal-ksur fl-1991.

63. Effettivament, il-Qorti Ġenerali ġustament irrilevat (fil-punti 36 u 111, rispettivament) li, "[s]kont l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata: 'L-impriża komposta minn [ARBED, minn TradeARBED u minn ProfilARBED] ipparteċipat, bi ksur tal-Artikolu 65(1) [KEFA] f'serje ta' ftehim u ta' prattiki miftehma li kellhom bħala għan u bħala effett l-iffissar tal-prezzijiet, li jassenjaw kwoti u l-iskambju, fuq skala kbira, ta' informazzjoni fis-suq Komunitarju tat-travi. Il-parteċipazzjoni tal-impriża hekk komposta f'dan il-ksur ġiet stabbilita mill-*1 ta' Lulju 1988 għas-16 ta' Jannar 1991*'" u li "[f]'dan il-każ, il-kostituzzjoni ta' ProfilARBED, fl-1992, bħala sussidjarja b'100 % ta' ARBED, biex twettaq l-attivitajiet ekonomiċi u industrijali ta' ARBED fis-settur tat-travi, tikkostitwixxi każ speċifiku analogu għal dawk li taw lok għas-sentenzi Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni u Jungbunzlauer vs Il-Kummissjoni" (enfasi miżjuda minni).

24 — Sentenza Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (EU:C:2004:6, punti 344 sa 359).

25 — Ara l-punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet.

26 — EU:T:2009:90.

64. Dik is-sentenza tal-Qorti Ġenerali sussegwentement ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja li fil-punt 104 tas-sentenza ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs ArcelorMittal Luxembourg *et* (EU:C:2011:190), tippreċiża li, "[f]ir-rigward tal-argument ta' ARBED li l-imputazzjoni tal-aġir li jikkostitwixxi ksur fuq kumpannija sister iwassal sabiex fir-rigward ta' din il-kumpannija tiġi stabbilita sistema ta' responsabbiltà iktar ħarxa minn dik li tapplika għal kumpannija parent, huwa biżżejjed li jitfakkar li, f'din il-kawża, *il-Kummissjoni imputat l-aġir tal-kumpannija sister minħabba l-fatt li hija kienet ħadet l-attivitajiet ekonomiċi tal-kumpannija parent* u li, għalhekk, peress li r-responsabbiltà tal-kumpannija sister tiddependi fuq dik tal-kumpannija parent, is-sistema ta' responsabbiltà imposta fuq il-kumpannija sister ma hija bl-ebda mod iktar ħarxa minn dik applikata għall-kumpannija parent" (enfasi miżjuda minni).

65. Jidhirli (bħall-Kummissjoni) li pożizzjoni oħra twassal għal riżultati arbitrarji, għaliex il-possibbiltà li tiġi imputata r-responsabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur lill-entità ċessjonarja għall-perijodu ta' qabel it-trasferiment tiddependi miż-żamma ta' rabtiet strutturali maċ-ċedent, b'riżultati radikalment differenti li jfissru li l-imsemmija rabtiet kienu ntemmu ftit żmien qabel jew wara l-waqfien tal-ksur.

66. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li entità ċessjonarja tista' titqies bħala s-suċċessur ekonomiku tal-entità ċedenti, anki jekk ir-rabtiet strutturali li kienu eżistew bejniethom *matul il-perijodu kollu tal-ksur* (u b'hekk fid-data tat-trasferiment tal-attivitajiet) kienu sparixxew fid-data tad-deċiżjoni [27].

67. Jirriżulta mill-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' kontinwità ekonomika intragrupp la teħtieġ li ċ-ċedent ikun waqaf jeżisti legalment, u lanqas li r-rabtiet strutturali bejn iċ-ċedent u ċ-ċessjonarju jkunu baqgħu għaddejjin matul il-perijodu kollu tal-ksur.

68. Fil-fehma tiegħi, id-data rilevanti biex jiġi evalwat jekk hemmx trasferiment ta' attiv fi ħdan grupp jew inkella bejn impriżi indipendenti għandha tkun dik tat-trasferiment tal-attiv stess [28]. F'dan il-każ, jirriżulta mill-proċess li kien tabilħaqq il-grupp Saiag/ITR li ħoloq ITR Rubber, sussidjarja li lilha ġie ttrasferiti l-attiv, waqt li din kienet għadha taħt il-kontroll tiegħu.

69. Barra minn hekk għandu jiġi osservat li, għall-kuntrarju tal-pożizzjoni tagħhom fl-ewwel istanza, l-appellati issa jirrikonoxxu [29] li l-kontinwità ekonomika tista' tiġi kkonstatata minkejja li r-rabtiet strutturali ma jeżistux iktar fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni [30].

– It-tul tar-rabtiet strutturali

70. Huwa minnu li r-rabtiet strutturali bejn ITR u ITR Rubber eżistew għal massimu ta' seba' xhur, jiġifieri mis-27 ta' Ġunju 2001 sal-31 ta' Jannar 2002, filwaqt li l-perijodu tal-ksur kopert mid-deċiżjoni kkontestata ddekorra matul il-perijodu mill-1986 sal-2007 u dik id-deċiżjoni ġiet adottata fl-2009. Dan premess, xorta jibqa' l-fatt li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ġurisprudenza sabiex ITR Rubber (li saret Parker ITR) tinżamm responsabbli bħala suċċessur ekonomiku intragrupp tal-aġir imwettaq fil-passat minn ITR u Pirelli Treg wara l-1986 huma ssodisfatti f'din il-kawża [31]. ITR ingħatat ir-responsabbiltà tal-predeċessur legali u ekonomiku tagħha Pirelli Treg wara l-inkorporazzjoni tagħha ma' dik l-entità fl-1990. Fis-27 ta' Ġunju 2001, ITR kienet sussegwentement ħolqot ITR Rubber (li saret Parker ITR)

27 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza ETI *et* (EU:C:2007:775, punt 50), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ma adottatx l-analiżi kuntrarja ssuġġerita mill-Avukat Ġenerali Kokott fil-punt 96 tal-konklużjonijiet tagħha (EU:C:2007:404, li tgħid li r-rabtiet strutturali għandhom ikomplu jeżistu *fid-data tad-deċiżjoni*).

28 — Ara s-sentenzi Aalborg Portland *et* vs I- Kummissjoni (EU:C:2004:6, punti 356 u 357) u ETI *et* (EU:C:2007:775, punti 48 sa 52).

29 — Ara l-punt 35 tar-risposta tagħhom quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

30 — Ara l-punti 28, 29, 35 u 41 tar-risposta tagħhom quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-punt 59 tas-sentenza appellata, li jgħid li "r-rikorrenti jippreċiżaw li l-ġurisprudenza reċenti tikkonferma li, fil-każ ta' trasferiment tal-attiv fi ħdan grupp, it-teorija tas-suċċessjoni ekonomika tista' tapplika biss jekk ir-rabtiet strutturali bejn l-entità ċessjonarja u l-entità ċedenti jkunu għadhom jeżistu fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li tikkonstata l-ksur mill-Kummissjoni".

31 — Ara l-premessi 370 sa 373 tad-deċiżjoni kkontestata.

bħala sussidjarja tagħha b'100 % tal-ishma, u mbagħad fl-1 ta' Jannar 2002 ittrasferitilha l-attiv li kien is-suġġett tal-ksur. Għandu jingħad ukoll li l-entità legali ITR Rubber inħolqot minn Saiag/ITR u mhux mix-xerrej Parker-Hannifin, u l-attiv ġie ttrasferit lil ITR Rubber waqt li din kienet dejjem taħt il-kontroll ta' Saiag/ITR[32]. Mis-27 ta' Ġunju 2001 sat-trasferiment ta' Parker ITR fil-31 ta' Jannar 2002, ITR (iċ-ċedent tal-attiv) u ITR Rubber (li saret Parker ITR) (iċ-ċessjonarju) kellhom bejniethom ir-rabtiet strutturali li jeżistu bejn kumpannija parent u s-sussidjarja tagħha b'100 % tal-ishma u li kienu jagħmlu parti mill-istess impriża (Saiag). It-trasferiment ta' attiv li seħħ fl-1 ta' Jannar 2002 b'hekk sar meta dawk ir-rabtiet strutturali kienu jeżistu.

71. Filwaqt li huwa neċessarju li jeżistu rabtiet strutturali fid-data tat-trasferiment, min-naħa l-oħra ma huwiex neċessarju li dawk ir-rabtiet jibqgħu jeżistu għal perijodu twil u lanqas matul il-perijodu tal-ksur kollu[33] sabiex żewġ entitajiet ikunu jikkostitwixxu l-istess unità ekonomika għall-finijiet tad-dritt tal-Unjoni tal-kompetizzjoni[34]. Il-fatt li ITR Rubber ma baqgħetx fi ħdan il-grupp Saiag u li għadda biss perijodu qasir bejn il-ħolqien tagħha u l-bejgħ tagħha lill-grupp Parker-Hannifin b'hekk għandu jkun irrilevanti wisq iktar peress li, ladarba ġie ttrasferit l-attiv inkwistjoni, Parker ITR kompliet tipparteċipa fl-akkordju[35]. Jekk wieħed ikollu jibbaża fuq avvenimenti li jseħħu wara t-trasferiment tal-attiv (u jekk dawn ikollhom jiġu eżaminati), dan joħloq b'mod ċar inċertezza legali.

72. Għalkemm il-ġurisprudenza ma tagħtix wisq indikazzjonijiet konkreti dwar kemm iridu jdumu r-rabtiet strutturali (f'dan il-każ huma seba' xhur u mhux xahar biss, kif jallegaw l-appellati), madankollu nirrileva li fil-kawża li tat lok għas-sentenzi Areva *et* vs Il-Kummissjoni(T-117/07 u T-121/07, EU:T:2011:69) u, fl-appell, Areva vs Il-Kummissjoni (C-247/11 P u C-253/11 P, EU:C:2014:257)[36], il-kumpannija parent (Areva Group) kienet il-proprjetarja ta' sussidjarja għal perijodu ta' erba' xhur li ġie meqjus bħala suffiċjenti biex tiġi imposta fuqha multa kunsiderevoli, li l-kumpannija parent inżammet responsabbli *in solidum* tagħha.

– Xi jfissru ċ-ċirkustanzi li ITR Rubber kienet, sa mill-ħolqien tagħha, iddestinata biex tinbiegħ u fil-fatt inbiegħet ftit żmien wara?

73. Ma jidhirlix li dawn iċ-ċirkustanzi għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni. Fil-fatt, it-teħid inkunsiderazzjoni ta' fattur suġġettiv bħall-għan tal-ħolqien ta' sussidjarja (punt 115 tas-sentenza appellata) joħloq inċertezza legali, peress li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' kontinwità ekonomika għandu jkun irregolat minn regoli oġġettivi u ċari u ma tistax tiddependi minn intenzjonijiet suġġettivi.

74. It-teħid inkunsiderazzjoni tal-għan ekonomiku segwit permezz tat-trasferiment b'terminu itwal jew iqsar xorta waħda jmur kontra l-approċċ adottat fis-sentenza ETI *et* (EU:C:2007:775), fejn l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ma ħaditx inkunsiderazzjoni: (i) il-fatt li t-trasferiment tal-attivitajiet tal-Amministrazione autonoma dei monopoli di Stato (AAMS) lil ETI sar bil-għan li din tiġi privatizzata sussegwentement, peress li dan il-fatt ma eskludiex il-kontinwità ekonomika u lanqas (ii) iċ-ċirkustanza li l-predeċessur ekonomiku ma kienx sparixxa.

32 — B'hekk huwa dan il-kontroll eżerċitat mill-grupp Saiag/ITR fuq l-attività inkwistjoni fi ħdan dan il-grupp li jiġġustifika li ITR Rubber (li saret Parker ITR) tiġi imputata responsabbiltà għal kontinwità ekonomika, b'deroga għall-prinċipju tar-responsabbiltà personali.

33 — F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tibbaża fuq is-sentenzi Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (EU:C:2004:6) u ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs ArcelorMittal Luxembourg *et* (EU:C:2011:190, punt 104), li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja, fl-appell, ivvalidat l-analiżi tal-Qorti Ġenerali li kienet ammettiet l-eżistenza ta' kontinwità ekonomika minkejja li t-trasferiment tal-attiv kien seħħ wara l-waqfien tal-ksur.

34 — Ara, pereżempju, is-sentenza ETI *et* (EU:C:2007:775, punt 48 *et seq.*).

35 — Fil-fatt, skont il-Kummissjoni, meta l-kumpannija parent ġdida Parker-Hannifin saret taf bil-ksur, hija madankollu ddeċidiet li taħbi l-akkordju bit-tama li ma jiġix skopert.

36 — Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali ġiet annullata parzjalment mill-Qorti tal-Ġustizzja iżda mhux fuq dan il-punt.

75. Iċ-ċirkustanza li ITR Rubber inħolqot speċifikament biex tirċievi l-attiv inkwistjoni b'hekk ma tipprekludix il-konstatazzjoni tal-kontinwità ekonomika u ma tippermettix li tiġi eskluża b'mod validu r-responsabbiltà ta' Parker ITR bħala suċċessur ekonomiku ta' ITR. Is-sitwazzjoni ma hijiex differenti minn dik ta' ETI, li nħolqot speċifikament biex issegwi l-attivitajiet ta' AAMS, peress li l-leġiżlazzjoni nazzjonali li ħolqot lil ETI kienet tipprevedi b'mod parallel it-trasferiment lil ETI tal-attivitajiet kummerċjali ta' AAMS fis-settur tat-tabakk.

76. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll fis-sentenza ETI *et* (EU:C:2007:775, punt 44)[37] li "[h]uwa wkoll irrilevanti l-fatt li trasferiment ta' attivitajiet mhuwiex deċiż minn individwi, iżda mil-leġiżlatur fil-perspettiva ta' privatizzazzjoni. *Fil-fatt, il-miżuri ta' ristrutturazzjoni jew ta' organizzazzjoni mill-ġdid ta' impriża adottati mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ma jistgħux legalment ikollhom bħala konsegwenza li tiġi kompromessa l-effettività tad-dritt Komunitarju tal-kompetezzjoni*" (enfasi miżjuda minni).

77. Bl-istess mod, ir-rabtiet strutturali bejn iċ-ċedent u ċ-ċessjonarju tal-attiv inkwistjoni, b'mod partikolari fi ħdan l-impriża li kienet l-awtriċi tal-ksur, għandhom jiġu evalwati indipendentement minn avvenimenti ulterjuri għat-trasferiment bħax-xoljiment tal-impriża jew il-bejgħ tas-sussidjarja ċessjonarja.

iii) Argument ieħor tal-appellati: x'tip ta' rabta strutturali?

78. L-appellati jargumentaw li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza ETI *et* (EU:C:2007:775), ma stabbilixxietx regola mekkanika li tipprovdi li l-eżistenza fil-passat ta' sempliċi rabta strutturali bejn iċ-ċedent u ċ-ċessjonarju tal-attività implikata fi ksur kienet awtomatikament tagħmel liċ-ċessjonarju responsabbli għal dak il-ksur. Huma jsostnu li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet espressament li dik il-konsegwenza kienet possibbli biss bil-kundizzjoni li jintwera li ċ-ċedent u ċ-ċessjonarju kienu taħt il-kontroll effettiv tal-istess persuna fil-mument meta kienet teżisti r-rabta strutturali u li huma essenzjalment applikaw l-istess direttivi kummerċjali[38].

79. Huma jibbażaw fuq il-fatt li, f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja, waqt li qieset l-eżistenza ta' rabta strutturali bejn iż-żewġ entitajiet inkwistjoni (jiġifieri li huma kienu miżmuma mill-istess awtorità pubblika), madankollu ħalliet f'idejn il-qorti nazzjonali l-kompitu biex tivverifika jekk dawk l-entitajiet kinux "suġġetti"[39] tal-imsemmija awtorità, ħaġa li l-qorti nazzjonali ċaħdet.

80. Skont l-appellati, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni naqset totalment milli tevalwa jekk, matul it-tul ta' żmien qasir tar-rabta strutturali li kienet eżistiet bejn ITR u ITR Rubber, dawn iż-żewġ entitajiet kinux, kif teżiġi s-sentenza ETI *et* (EU:C:2007:775), taħt il-kontroll tal-istess persuna u kienu, fid-dawl tar-rabtiet stretti li kienu jgħaqqduhom fuq il-livell ekonomiku u organizzattiv, essenzjalment applikaw l-istess direttivi kummerċjali. Id-deċiżjoni kkontestata ssemmi biss li, fil-mument tat-trasferiment tal-attivitajiet tal-manek marittimi minn ITR lil ITR Rubber, din tal-aħħar kienet "100% proprjetà" ta' din tal-ewwel. L-imsemmija deċiżjoni ma tagħmel ebda riferiment għall-ġurisprudenza li tgħid li kumpannija parent tista' tiġi preżunta li teżerċita influwenza determinanti fuq sussidjarja li tkun 100 % proprjetà tagħha. L-appellati jiddeduċu minn dan li, inkwantu l-Kummissjoni naqset milli tevalwa fid-deċiżjoni kkontestata jekk ITR u ITR Rubber (li saret

37 — Ara, ukoll, il-punt 95 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott f'dik l-istess kawża (EU:C:2007:404).

38 — Punt 49 ta' dik is-sentenza.

39 — Għandu jiġi osservat li, fir-risposta tagħhom quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-appellati jgħidu li "l-Qorti tal-Ġustizzja ħalliet f'idejn il-Consiglio di Stato Taljan il-kompitu li jevalwa, fuq il-bażi tal-kriterju ta' '*kontroll effettiv*' stabbilit fis-sentenza tiegħu, jekk ETI setgħetx tinżamm responsabbli għall-aġir ta' AAMS" (enfasi miżjuda minni). It-terminu użat bl-Ingliż fir-risposta oriġinali tagħhom huwa "actual control". Issa, din l-espressjoni ma tinsabx bħala tali fit-traduzzjoni bl-Ingliż tas-sentenza ETI. Fil-punt 51 ta' dik is-sentenza, il-kwistjoni hija jekk AAMS u ETI kinux "suġġetti" tal-entità pubblika kkonċernata li ġiet tradotta bl-Ingliż bħala "AAMS and ETI were subject to the control of that public entity".

Parker ITR) kinux jikkostitwixxu impriża waħda matul il-perijodu ta' żmien qasir li matulu huma kellhom rabta strutturali, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta kkonkludiet li Parker ITR ma setgħetx tinżamm responsabbli għall-aġir ta' ITR fuq is-sempliċi bażi ta' dik ir-rabta strutturali fil-passat.

81. Minbarra l-fatt li fil-kawża ETI *et,* kien normali li l-Qorti tal-Ġustizzja tħalli f'idejn il-qorti nazzjonali l-kompitu li tivverifika jekk AAMS (li ttrasferiet l-attivitajiet tagħha) u ETI (li kienet iċ-ċessjonarja), miżmuma mill-istess entità pubblika kinux tabilħaqq suġġetti għal din tal-aħħar (problema li ma tqumx hawnhekk fejn ir-rabta strutturali tgħaqqad biss lil ITR u ITR Rubber), l-argument tal-appellati ma huwiex konvinċenti inkwantu l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod ċar fis-sentenza Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni (C-97/08 P, EU:C:2009:536, punt 60) li "[f]il-każ speċifiku fejn kumpannija parent tkun 100 % proprjetarja tal-kapital tas-sussidjarja tagħha li wettqet ksur tar-regoli Komunitarji tal-kompetizzjoni, minn naħa, din il-kumpannija parent tista' teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir ta' din is-sussidjarja [[40]], u, min-naħa l-oħra, teżisti preżunzjoni *juris tantum* li tgħid li l-imsemmija kumpannija parent effettivament teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir tas-sussidjarja tagħha [[41]]".

82. Il-Qorti tal-Ġustizzja tkompli tgħid fil-punt 61 ta' dik is-sentenza li "[f]'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa biżżejjed li l-Kummissjoni tipprova li l-kumpannija parent hija proprjetarja tal-kapital kollu tal-kumpannija sussidjarja sabiex tippreżumi li din tal-aħħar teżerċita influwenza determinanti fuq il-politika kummerċjali ta' dik il-kumpannija sussidjarja. Il-Kummissjoni tkun f'pożizzjoni, sussegwentement, li tikkunsidra lill-kumpannija parent responsabbli *in solidum* għall-ħlas tal-multa imposta fuq is-sussidjarja tagħha, sakemm l-imsemmija kumpannija parent, li għandha l-oneru li tikkonfuta din il-preżunzjoni, ma tipproduċix provi suffiċjenti li jistgħu juru li s-sussidjarja tagħha taġixxi b'mod awtonomu fis-suq [[42]]".

83. L-appellati jinvokaw ukoll is-sentenza ThyssenKrupp Nirosta vs Il-Kummissjoni (EU:C:2011:191), li fiha la l-Kummissjoni u lanqas il-Qorti tal-Ġustizzja ma invokaw ir-rabta strutturali li oriġinarjament eżistiet bejn iċ-ċedenti Thyssen Stahl u ċ-ċessjonarja ThyssenKrupp Nirosta bħala raġuni possibbli, jew suffiċjenti, biex din it-tieni entità titqies bħala responsabbli għall-aġir li jikkostitwixxi ksur tal-ewwel waħda[43].

84. Fil-fehma tiegħi, l-imsemmija sentenza ma hijiex rilevanti f'din il-kawża inkwantu, fil-kawża li tat lok fl-appell għas-sentenza ThyssenKrupp Nirosta vs Il-Kummissjoni (EU:C:2011:191), il-Qorti tal-Ġustizzja ma kinitx mitluba tiddeċiedi dwar jekk kontinwità ekonomika setgħetx tirriżulta minn trasferiment uniku ta' attiv, iżda minn sempliċi dikjarazzjoni tax-xerrej ta' attiv li jassumi r-responsabbiltà għall-aġir li jikkostitwixxi ksur marbut ma' dak l-attiv. Fil-kuntest tal-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja setgħet tiddeċiedi biss dwar il-kwistjoni jekk l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali (li kienet tirrigwarda biss dik id-dikjarazzjoni) kinitx korretta jew le.

40 — Il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi, f'dan is-sens, għas-sentenza Imperial Chemical Industries vs Il-Kummissjoni (48/69, EU:C:1972:70, punti 136 u 137).

41 — Il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi, f'dan is-sens, għas-sentenzi AEG-Telefunken vs Il-Kummissjoni (107/82, EU:C:1983:293, punt 50) u Stora Kopparbergs Bergslags vs Il-Kummissjoni (EU:C:2000:630, punt 29).

42 — Il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi, f'dan is-sens, għas-sentenza Stora Kopparbergs Bergslags vs Il-Kummissjoni (EU:C:2000:630, punt 29).

43 — Punt 153 ta' din is-sentenza.

d) Konklużjoni dwar l-ewwel aggravju

85. Jirriżulta minn dak li ntqal hawn fuq li, f'kawża bħal dik ineżami, kontinwità ekonomika, fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tista' teżisti bejn żewġ entitajiet legali li kellhom rabtiet strutturali, anki jekk għal perijodu qasir. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kellha d-dritt li tibbaża fuq il-preżunzjoni li l-kumpannija parent (ITR) li kellha 100 % tal-ishma ta' sussidjarja (ITR Rubber) effettivament teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir tas-sussidjarja tagħha sabiex tistabbilixxi li ċ-ċedenti u ċ-ċessjonarja tal-attiv kienu "taħt il-kontroll tal-istess persuna" u applikaw "essenzjalment l-istess direttivi kummerċjali" [44].

86. Hekk għamlet il-Kummissjoni fil-premessa 370 tad-deċiżjoni kkontestata, fejn irrilevat li, "fiż-żmien meta sar it-trasferiment, ITR SpA u ITR Rubber srl kienu jaqsmu r-rabtiet ekonomiċi ta' kumpannija parent u sussidjarja kkontrollata 100 %" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u li "huma barra minn hekk kienu jappartjenu għall-istess impriża" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [45].

87. ITR kienet proprjetarja ta' 100 % tal-ishma f'ITR Rubber għall-perijodu mis-27 ta' Ġunju 2001 sal-31 ta' Jannar 2002, jiġifieri matul seba' xhur. Għalhekk, skont ġurisprudenza stabbilita, kien hemm preżunzjoni legali li din tal-ewwel kienet teżerċita influwenza determinanti fuq din tal-aħħar [46].

88. Hekk kif jirriżulta mis-sentenza Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni (EU:C:2009:536) (ara l-punti 81 u 82 ta' dawn il-konklużjonijiet), l-argument tal-Kummissjoni li jibbaża fuq il-preżunzjoni ta' 100 % f'din il-kawża b'hekk kien korrett.

89. Għandu jingħad ukoll li l-appellati kellhom id-dritt li jikkonfutaw il-preżunzjoni ta' influwenza determinanti li tirriżulta mill-proprjetà ta' 100 % tal-kapital u jidher li huma ppruvaw jagħmlu dan fin-noti tagħhom quddiem il-Qorti Ġenerali. Huma bbażaw, b'mod partikolari, fuq l-istipulazzjonijiet tal-kuntratt konkluż f'Diċembru 2001 bejn Parker-Hannifin u ITR fid-dawl tat-trasferiment ta' ITR Rubber.

90. Huma jsostnu wkoll fl-istadju tal-appell li diversi minn dawn l-istipulazzjonijiet kienu jipprojbixxu lil ITR milli teżerċita kwalunkwe influwenza fuq ITR Rubber, sa mill-konklużjoni tal-imsemmi kuntratt.

91. Il-kuntratt inkwistjoni (dokument ta' 64 paġna, li jinkludi 12-il kapitolu maqsuma f'għadd ta' taqsimiet) effettivament ġie ppreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali bħala anness għar-rikors [47], iżda peress li l-Qorti Ġenerali eskludiet *ab initio* l-eżistenza ta' kontinwità ekonomika bejn ITR u ITR Rubber, hija ma eżaminatx l-argumenti (kontradittorji) ibbażati fuq dan id-dokument mill-appellati u mill-Kummissjoni.

92. Barra minn hekk, jiena tal-fehma li, għall-kuntrarju ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata li żżomm responsabbli għall-aġir li jikkostitwixxi ksur lill-kumpanniji parent Saiag u ITR.

44 — Huwa interessanti li wieħed jinnota li fl-investigazzjoni dwar l-akkordju dwar il-manek marittimi fl-Istati Uniti, Parker ITR ġiet akkużata u ammettiet li kienet ħatja ta' aġir li jikkostitwixxi ksur li jmur lura għall-1999, jiġifieri tliet snin qabel ix-xiri tal-attiv minn Parker. Ara DOJ Press Release, Italian Subsidiary of U.S.-Based Company Agrees to Plead Guilty for Participating in International Price-Fixing Conspiracy (Feb. 16, 2010), http://www.justice.gov/atr/public/press_releases/2010/255258.htm. Fl-Istati Uniti, il-kunċett ta' suċċessjoni tar-responsabbiltà lanqas ma jinkludi l-kundizzjoni ta' kontinwità ekonomika. Fil-prinċipju, ir-responsabbiltà (kriminali, barra minn hekk) ma tonqosx fil-mument tal-inkorporazzjoni jew ix-xiri ta' azzjonijiet, iżda meta ssir l-inkorporazzjoni mill-entità preċedenti għall-entità segwenti. Ara, f'dan ir-rigward, "EU Court Decision Significantly Reduces Cartel Fines in Marine Hose Investigation", King & Spalding, 22 ta' Mejju 2013, li tiċċita l-ġurisprudenza Amerikana inkwistjoni.

45 — Ara wkoll, dwar ir-rabtiet strutturali, il-premessa 373 tad-deċiżjoni kkontestata.

46 — Fil-fatt, dan ġie rrikonoxxut minn ITR stess fl-"Act of transfer of marine hose assets by ITR to ITR Rubber" (l-Anness 2 tar-risposta ta' Parker għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet), p. 420 tar-rikors fl-ewwel istanza, li jirreferi għal ITR bħala l-"attuale unico socio controllante".

47 — Dan il-kuntratt ġie ppreżentat ukoll matul il-proċedura amministrattiva bħala anness mar-risposta tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

93. Minn naħa waħda, jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Unjoni [48] li l-Kummissjoni setgħet tagħżel li żżomm responsabbli għall-aġir li jikkostitwixxi ksur jew lill-predeċessur ekonomiku, jew inkella lis-suċċessur ekonomiku, jew inkella lit-tnejn *in solidum* [49].

94. Min-naħa l-oħra, iċ-ċirkustanza li, f'kawża preċedenti, il-Kummissjoni kienet għażlet li żżomm responsabbli lill-kumpannija parent ċedenti u mhux lis-sussidjarja li kienet is-suġġett taċ-ċessjoni hija irrilevanti peress li l-prattika deċiżjonali preċedenti tagħha ma toħloqx qafas ġuridiku vinkolanti biex tiġi evalwata l-legalità ta' atti li hija tadotta ulterjorment [50].

95. Hekk kif irrilevat ġustament il-Kummissjoni, meta hija għażlet, f'din il-kawża, li żżomm lil ITR Rubber responsabbli għall-ksur bħala suċċessur ekonomiku ta' ITR, il-Kummissjoni użat is-setgħa diskrezzjonali rikonoxxuta lilha mill-ġurisprudenza [51].

96. Minn dan isegwi li s-sentenza appellata għandha tiġi annullata sa fejn hija ddeċidiet li l-applikazzjoni tal-kontinwità ekonomika kienet eskluża f'din il-kawża. Bħala konsegwenza, il-kawża għandha tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex teżamina jekk l-elementi ppreżentati mill-appellati humiex suffiċjenti biex tiġi kkonfutata l-preżunzjoni li ITR, bħala kumpannija parent li b'100 % tal-ishma ta' ITR Rubber u li tappartjeni, bħal din tal-aħħar, għall-istess grupp, eżerċitat influwenza determinanti fuq l-aġir tas-sussidjarja tagħha kif ukoll l-argument, ippreżentat sussidjarjament mill-appellati li jgħid li fl-ipoteżi fejn id-deċiżjoni kkontestata hija impliċitament ibbażata fuq dik il-preżunzjoni, ikun hemm ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħhom, inkwantu d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma kellhiex referenza ċara [52].

97. Fl-aħħar nett, għandha tittieħed pożizzjoni dwar punt aħħari fil-kuntest ta' dan l-aggravju. L-appellati jirrilevaw li, fl-appell tagħha, il-Kummissjoni ma kkontestatx il-punti tas-sentenza appellata li fihom il-Qorti Ġenerali laqgħet il-ħames u s-sitt motivi tar-rikorsi tagħhom u ddeċidiet li kien żbaljat meta l-multa ġiet miżjuda minħabba li huma kienu żvolġew ir-rwol ta' tmexxija (punti 139 u 140, 145 u 146 kif ukoll 253 u 254). Minn dan huma jiddeduċu li, fuq dan il-punt, is-sentenza appellata saret definittiva. Dan l-argument huwa manifestament inkorrett. Fil-fatt, fil-punti ċċitati, il-Qorti Ġenerali bl-ebda mod ma eżaminat il-fondatezza tal-argumenti mressqa sabiex jiġi kkontestat ir-rwol ta' tmexxija li żvolġiet Parker ITR. Hija sempliċement idderivat b'mod mekkaniku l-konsegwenzi tal-konstatazzjonijiet tagħha dwar l-assenza ta' kontinwità ekonomika. L-annullament li jiena nipproponi jkopri l-punti inkwistjoni.

48 — Ara s-sentenza ArcelorMittal Luxembourg *et* vs Il-Kummissjoni (EU:T:2009:90, punti 112 sa 117 u l-ġurisprudenza ċċitata, li ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell fis-sentenza ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs ArcelorMittal Luxembourg *et*) u Hoechst vs Il-Kummissjoni (EU:T:2009:366, punt 64, "l-imputazzjoni lill-operatur il-ġdid ta' ksur imwettaq mill-operatur oriġinali hija possibbiltà li, f'ċerti każijiet, il-ġurisprudenza tirrikonoxxi lill-Kummissjoni, u mhux obbligu").

49 — Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat fis-sentenza reċenti tagħha Dow Chemical *et* vs Il-Kummissjoni (C-499/11 P, EU:C:2013:482, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata) li "ma teżistix 'prijorità'" f'dak li jikkonċerna l-impożizzjoni ta' multa, mill-Kummissjoni, fuq waħda jew l-oħra minn dawn il-kumpanniji", jiġifieri l-kumpannija parent jew is-sussidjarja tagħha.

50 — Ara wkoll il-punt 95 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża ETI *et* (EU:C:2007:404).

51 — Ara s-sentenzi Erste Group Bank *et* vs Il-Kummissjoni (C-125/07 P, C-133/07 P u C-137/07 P, EU:C:2009:576, punt 82) u Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni (C-444/11 P, EU:C:2013:464, punti 159 u 160)..

52 — Ara, f'dan il-kuntest, pereżempju, is-sentenza Ballast Nedam vs Il-Kummissjoni (C-612/12 P, EU:C:2014:193).

### B – *It-tieni aggravju: ksur tal-prinċipju ne ultra petita u tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni*

#### 1. Is-sentenza appellata

98. Matul l-analiżi tagħha tar-rikors, il-Qorti Ġenerali, hekk kif użat il-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, iddeċidiet dwar l-ammont finali tal-multa skont kif ġej:

"250 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, min-natura tiegħu stess, l-iffissar ta' multa mill-Qorti Ġenerali, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, ma huwiex eżerċizzju aritmetiku preċiż. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ma hijiex marbuta bil-kalkoli tal-Kummissjoni, iżda għandha tagħmel l-evalwazzjoni tagħha stess, waqt li tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ [...]

[...]

257 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, hemm lok, l-ewwel nett, li jiġi annullat l-Artikolu 1(i) tad-deċiżjoni [kkontestata], sa fejn jirrigwarda l-ksur akkużat lil Parker ITR għall-perijodu qabel ix-xahar ta' Jannar 2002, it-tieni nett, li jiġi ffissat l-ammont tal-multa imposta fuqha għal EUR 6 400 000, liema ammont Parker-Hannifin għandha tinżamm responsabbli *in solidum* f'ammont sa EUR 6 300 000, peress li r-responsabbiltà *in solidum* ta' Parker-Hannifin ma tistax tiġi applikata għall-perijodu mill-1 sal-31 ta' Jannar 2002, u fl-aħħar nett, it-tielet nett, jiġi miċħud il-kumplament tar-rikors."

#### 2. L-argumenti tal-partijiet

99. Il-Kummissjoni ssostni li, billi naqqset il-multa b'EUR 100 000 ż-żieda applikata abbażi tad-dewmien għall-ammont sa fejn il-kumpannija parent Parker-Hannifin hija responsabbli konġuntament għall-ħlas tal-multa, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet *ultra petita*. Fil-fatt, Parker-Hannifin la kienet ikkontestat it-tul effettiv tal-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur (li l-Qorti Ġenerali barra minn hekk ikkonfermat fil-punti 129 u 256 tas-sentenza tagħha) u lanqas il-fattur korrispondenti applikat fil-kalkolu tal-ammont tal-multa. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tfakkar li, fis-sentenzi tagħha KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni u Chalkor vs Il-Kummissjoni [53], il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li "l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa ma huwiex ekwivalenti għal stħarriġ *ex officio*" u li "huwa r-rikorrent li għandu jqajjem il-motivi kontra [d-deċiżjoni kkontestata] u li għandu jipproduċi l-provi insostenn ta' dawn il-motivi".

100. Il-Kummissjoni tosserva li l-motivazzjoni mogħtija fil-punt 257 tas-sentenza appellata biex tiġġustifika dan it-tnaqqis ("peress li r-responsabbiltà *in solidum* ta' Parker-Hannifin ma tistax tiġi stabbilita għall-perijodu mill-1 sal-31 ta' Jannar 2002") hija irrilevanti għaliex, fid-deċiżjoni kkontestata, ir-responsabbiltà ta' Parker-Hannifin ma ġietx stabbilita għall-perijodu inkwistjoni. Għalkemm il-Qorti Ġenerali xtaqet tagħmel riferiment għaċ-ċirkustanza li l-parteċipazzjoni tas-sussidjarja Parker ITR fil-ksur, kif stabbilit fis-sentenza appellata, kienet itwal b'xahar (sa mill-1 ta' Jannar 2002) minn dik ta' Parker-Hannifin (sa mill-31 ta' Jannar 2002), hija ma kellhiex tnaqqas l-ammont li Parker-Hannifin kienet responsabbli li tħallas *in solidum*, iżda żżid l-ammont tal-multa imposta fuq Parker ITR.

53 — C-389/10 P, EU:C:2011:816, punt 131 u C-386/10 P, EU:C:2011:815, punt 64.

101. Il-Kummissjoni tirrileva li, skont il-linji gwida li hija applikat għall-kalkolu tal-multi[54] u li rreferiet għalihom il-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata, dik id-differenza ta' xahar fit-tul tal-ksur ma tistax, meta jitqies il-metodu ta' tqarrib[55] applikat għad-destinatarji kollha tad-deċiżjoni kkontestata, tiġġustifika tnaqqis tal-multa għal wieħed biss minn dawk id-destinatarji. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni. Ta' mill-inqas, hija kellha tispjega għalfejn iddevjat, fil-każ ta' Parker-Hannifin, mil-linji gwida, ħaġa li hija naqset li tagħmel.

102. Fuq bażi preliminari, l-appellati jfakkru li, peress li s-sentenza appellata ngħatat fil-kuntest ta' proċedura li tikkonċerna biss lill-appellati, il-Qorti Ġenerali, meta eżerċitat il-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, fil-prinċipju ma kinitx marbuta bil-metodu ta' kalkolu tal-multa użat mill-Kummissjoni[56]. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali segwiet il-linji gwida biex tikkalkola mill-ġdid l-ammont tal-multa imposta fuq Parker ITR.

103. Fir-rigward tal-parti tal-multa ta' Parker ITR li Parker-Hannifin tista' tinżamm responsabbli għaliha *in solidum*, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tagħti lil din tal-aħħar tnaqqis sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-parteċipazzjoni tagħha (bħala kumpannija parent ta' Parker ITR) fil-ksur kienet iqsar b'xahar mill-parteċipazzjoni diretta ta' Parker ITR. Skont l-appellati dan huwa l-uniku approċċ li josserva l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni. Iż-żieda tal-ammont tal-multa imposta fuq Parker ITR, kif ipproponiet il-Kummissjoni, kienet tikkostitwixxi diskriminazzjoni kontra Parker ITR fil-konfront tad-destinatarji l-oħrajn tad-deċiżjoni kkontestata. Li Parker-Hannifin tinżamm responsabbli sal-istess ammont bħal dak tal-multa imposta fuq Parker ITR kien jikkostitwixxi diskriminazzjoni kontra Parker-Hannifin, peress li l-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur kienet iqsar minn dik ta' Parker ITR.

3. Kunsiderazzjonijiet

104. Fil-fehma tiegħi, meta naqqset b'EUR 100 000 ż-żieda applikata abbażi tad-dewmien sa l-ammont sa fejn il-kumpannija parent Parker-Hannifin hija konġuntament responsabbli għall-ħlas tal-multa, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet *ultra petita*.

105. Minn naħa waħda, l-ewwel nett jiena indirizzajt fid-dettall l-importanza u l-portata tal-ġurisdizzjoni sħiħa tal-Qorti Ġenerali fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni (C-295/12 P, EU:C:2013:619), inkwantu din tal-aħħar hija obbligata li twettaq eżami fil-fond tal-kalkolu tal-multa. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali, meta twettaq l-istħarriġ tagħha, ma tistax tibbaża biss fuq il-marġni ta' diskrezzjoni li għandha l-Kummissjoni biex tirrinunzja li teżerċita l-istess stħarriġ profond kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt fuq il-multa imposta jew ma teħtieġx li l-Kummissjoni tispjega l-bidla fil-politika tagħha dwar il-multi f'kawża speċifika.

106. Min-naħa l-oħra, xorta jibqa' l-fatt li, skont il-ġurisprudenza, "peress li l-qorti [tal-Unjoni] ma tistax teċċedi s-setgħat tagħha *ultra vires* u tiddeċiedi *ultra petita* [...], l-annullament iddikjarat minnha ma jistax jeċċedi dak mitlub mir-rikorrent"[57].

54 — Linji Gwida dwar il-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 (ĠU 2006, C 210, p. 2).

55 — Skont il-punt 24 tal-linji gwida, "[...] il-perijodi ta' inqas minn sitt xhur jingħaddu bħala nofs sena; il-perijodi ta' iktar minn sitt xhur iżda inqas minn sena jingħaddu bħala sena sħiħa" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

56 — Sentenza Volkswagen vs Il-Kummissjoni (C-338/00 P, EU:C:2003:473, punt 147).

57 — Sentenza Il-Kummissjoni vs AssiDomän Kraft Products *et* (C-310/97 P, EU:C:1999:407, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll, pereżempju, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Aktionsgemeinschaft Recht und Eigentum (C-78/03 P, EU:C:2005:761, punti 44 sa 50), ENI vs Il-Kummissjoni (C-508/11 P, EU:C:2013:289, punt 103) u Arkema vs Il-Kummissjoni (C-520/09 P, EU:C:2011:619, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

107. Huwa ċar li, f'din il-kawża, Parker-Hannifin la kienet ikkontestat id-dewmien effettiv tal-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur (li effettivament, kif qalet il-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali kkonfermat fil-punti 129 u 256 tas-sentenza tagħha, jiġifieri mill-31 ta' Jannar 2002 sat-2 ta' Mejju 2007) u lanqas il-fattur korrispondenti applikat fil-kalkolu tal-ammont tal-multa (jiġifieri l-fattur marbut mad-dewmien).

108. Barra minn hekk, fis-sentenzi tagħha KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni u Chalkor vs Il-Kummissjoni [58], il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li "l-eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni sħiħa ma huwiex ekwivalenti għal stħarriġ *ex officio* u għandu jitfakkar li l-proċedura quddiem il-qrati tal-Unjoni ssegwi l-prinċipju tal-kontradittorju. Bl-eċċezzjoni tal-motivi ta' ordni pubbliku li l-qorti għandha tqajjem *ex officio*, tali nuqqas ta' motivazzjoni huwa r-rikorrent li għandu jqajmu kontra d-deċiżjoni kkontestata u jipproduċi l-provi insostenn tal-motivi tiegħu".

109. L-appellati ċertament ikkontestaw b'suċċess ir-rwol ta' tmexxija bħala ċirkustanza aggravanti kontrihom, u sussegwentement għal dan il-Qorti Ġenerali aġġustat il-multa (ara l-punti 145, 146 u 254 tas-sentenza appellata). Iżda, jidhirli li l-Qorti Ġenerali ma tistax, lanqas fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, tidderiva l-possibbiltà li timmodifika aspetti oħrajn tal-multa (f'dan il-każ, il-fattur marbut mad-dewmien) *li kontrihom ir-rikorrent fl-ewwel istanza ma ssollevax motivi.*

110. Il-motivazzjoni mogħtija fil-punt 257 tas-sentenza appellata [59] biex tiġġustifika dak it-tnaqqis ("peress li r-responsabbiltà *in solidum* ta' Parker-Hannifin ma tistax tiġi stabbilita għall-perijodu mill-1 sal-31 ta' Jannar 2002") hija barra minn hekk irrilevanti peress li, fid-deċiżjoni kkontestata, Parker-Hannifin ma nżammitx responsabbli għall-perijodu inkwistjoni.

111. Bħall-Kummissjoni, u inkwantu l-Qorti Ġenerali riedet tagħmel riferiment għaċ-ċirkustanza li l-parteċipazzjoni tas-sussidjarja Parker ITR fil-ksur, kif stabbilit fis-sentenza appellata, kienet itwal b'xahar (sa mill-1 ta' Jannar 2002) minn dik ta' Parker-Hannifin (sa mill-31 ta' Jannar 2002), jidhirli li l-Qorti Ġenerali b'hekk ma kellhiex tnaqqas l-ammont li Parker-Hannifin kienet responsabbli tħallas *in solidum*, iżda żżid l-ammont tal-multa imposta fuq Parker ITR. Fil-fatt, huwa żbaljat li titnaqqas *il-parti mhux ikkontestata* tal-multa imposta fuq il-kumpannija parent — minflok ma jiġi rrilevat l-*ammont tal-parti kkontestata tal-multa* imposta fuq Parker ITR.

112. Rigward l-argument tal-Kummissjoni li l-Qorti Ġenerali kellha tagħti r-raġunijiet għalfejn hija skartat il-linji gwida għal waħda biss mid-destinatarji tad-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri Parker-Hannifin, jidhirli li huwa ċar, minn qari tal-punt 250 tas-sentenza appellata, li l-Qorti Ġenerali xtaqet "tagħmel l-evalwazzjoni tagħha stess" u fil-fatt ma ħassitx li kienet marbuta bil-linji gwida.

113. Issa, kif fakkar l-Avukat Ġenerali Maduro, "fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, il-qorti [tal-Unjoni] hija marbuta bl-istess obbligi legali bħall-Kummissjoni meta hija timponi penali". Dawn l-obbligi jinkludu b'mod partikolari dak ta' motivazzjoni [60].

114. F'dan il-kuntest, jidhirli li t-tnaqqis tal-multa imposta fuq Parker-Hannifin għas-sempliċi raġuni li "ir-responsabbiltà *in solidum* ta' Parker-Hannifin ma tistax tiġi stabbilita għall-perijodu mill-1 sal-31 ta' Jannar 2002" (punt 257 tas-sentenza appellata) ma huwiex immotivat b'mod suffiċjenti.

115. Isegwi li għal dawn ir-raġunijiet, it-tieni aggravju għandu jiġi milqugħ.

58 — EU:C:2011:816, punt 131 u EU:C:2011:815, punt 64.

59 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 9 ta' dawn il-konklużjonijiet.

60 — Sentenza Archer Daniels Midland u Archer Daniels Midland Ingredients vs Il-Kummissjoni (C-397/03 P, EU:C:2006:328, punt 60). Il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi, f'dan is-sens, għas-sentenza Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (EU:C:2004:6, punt 372). Ara wkoll, pereżempju, is-sentenza Acerinox vs Il-Kummissjoni (C-57/02 P, EU:C:2005:453), li tgħid li l-Qorti tal-Ġustizzja annullat parzjalment is-sentenza tal-Qorti Ġenerali minħabba nuqqas ta' motivazzjoni. Ara wkoll, Artikolu 36 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jeżiġi li "[i]s-sentenzi għandhom ikunu motivati". Ara, *inter alia*, is-sentenza Il-Kunsill vs de Nil u Impens (C-259/96 P, EU:C:1998:224, punt 32) u d-digrieti Meyer vs Il-Kummissjoni (C-151/03 P, EU:C:2004:381, punt 72), kif ukoll L vs Il-Kummissjoni (C-230/05 P, EU:C:2006:270, punt 83).

C – *Fuq il-kalkolu tal-multa fl-ipoteżi li l-ewwel aggravju jintlaqa'*

116. Fl-ipoteżi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li tikkalkola mill-ġdid l-ammont tal-multa, l-appellati jargumentaw, fl-ewwel lok, li ebda żieda minħabba ċirkustanzi aggravanti ma tista' tiġi applikata.

117. Fit-tieni lok, l-appellati jsostnu li l-multa li Parker ITR tista', f'każ ta' kalkolu ġdid, tinżamm waħedha responsabbli li tħallas, ma tistax, b'mod konformi mal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 [61], teċċedi l-10 % tad-dħul mill-bejgħ tagħha. Huma jfakkru li, sal-31 ta' Jannar 2002, Parker ITR (issa ITR Rubber) u Parker-Hannifin kienu żewġ impriżi distinti. Din hija r-raġuni għaliex id-deċiżjoni kkontestata żammet lil Parker-Hannifin responsabbli *in solidum* biss għal parti (jiġifieri EUR 8 320 000) mit-total tal-multa imposta fuq Parker ITR (jiġifieri EUR 17 290 000). Għall-istess raġuni, sabiex jiġi ddeterminat il-limitu massimu ta' 10 % applikabbli għall-ammont tal-multa li Parker ITR hija waħedha responsabbli, id-deċiżjoni kkontestata kellha tieħu inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ magħmul fl-2008 minn Parker ITR (jiġifieri EUR 9 304 570) u mhux id-dħul mill-bejgħ ikkonsolidat tal-grupp Parker.

118. L-argument tal-appellati jikkorrispondi ma' dak tat-tmien motiv tagħhom fl-ewwel istanza li l-Qorti Ġenerali eżaminat u ċaħdet (ara l-punti 227 u 228 tas-sentenza appellata). Skont il-punt 228, "peress li l-ewwel motiv huwa milqugħ, it-tmien motiv, sa fejn jirrigwarda l-perijodu tal-ksur qabel l-1 ta' Jannar 2002 li matulu l-ksur twettaq minn ITR, huwa ineffettiv. Barra minn hekk, huwa infondat, sa fejn jirrigwarda l-perijodu tal-ksur wara l-1 ta' Jannar 2002, peress li, matul dan il-perijodu kollu, bl-eċċezzjoni ta' xahar, Parker ITR u Parker-Hannifin kienu jikkostitwixxu unità ekonomika responsabbli mill-ksur issanzjonat. Għalhekk, il-limitu massimu tal-multa seta' jiġi kkalkolat abbażi tad-dħul mill-bejgħ globali ta' din l-impriża, jiġifieri abbażi tal-komponenti akkumulati tagħha kollha".

119. Huwa minnu li fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża YKK *et* vs Il-Kummissjoni (C-408/12 P, EU:C:2014:66, punti 96 sa 145), wara analiżi ddettaljata, jiena kkonkludejt li "l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 peress li hija s-sussidjarja biss (YKK Stocko) li kellha titqies li hija l-impriża li pparteċipat fil-ksur" għall-ewwel perijodu u li għalhekk id-dħul mill-bejgħ tagħha u mhux dak tal-grupp kellu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-limitu massimu ta' 10 %". Fil-konklużjonijiet tagħha, l-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Gascogne Sack Deutschland vs Il-Kummissjoni (C-40/12 P, EU:C:2013:361, punti 71 sa 90) kienet ikkonkludiet fl-istess sens.

120. Xorta jibqa' l-fatt li, f'din il-kawża, l-appellati ma jistgħux jinvokaw dak l-argument, peress li huma ma ppreżentawx appell, lanqas appell inċidentali, kontra l-punti 227 u 228 tas-sentenza appellata, li fihom il-Qorti Ġenerali ddeċidiet dwar dan il-punt.

121. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 172 tar-Regoli tal-Proċedura, li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2012, kull parti fil-kawża inkwistjoni quddiem il-Qorti Ġenerali li jkollha interess li l-appell jintlaqa' jew jiġi miċħud tista' tippreżenta risposta għall-appell f'terminu ta' xahrejn li jiddekorri min-notifika tal-appell. L-Artikolu 176(1) ta' dawn ir-regoli barra minn hekk jipprovdi li l-partijiet imsemmija f'dan l-Artikolu 172 jistgħu jippreżentaw appell inċidentali fl-istess terminu bħal dak previst għall-preżentata tar-risposta għall-appell. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 176(2) tal-imsemmija regoli jipprevedi li l-appell inċidentali għandu jsir permezz ta' att separat, distint mir-risposta għall-appell.

122. Matul is-seduta, il-Qorti tal-Ġustizzja interrogat lill-appellati dwar ir-raġunijiet għaliex huma ma ppreżentawx appell inċidentali. Huma wieġbu li dan kien għaliex fis-sentenza tal-Qorti Ġenerali ma kien hemm ebda konstatazzjoni li setgħet tiġi kkontestata peress li l-Qorti Ġenerali ma kienet ħadet ebda deċiżjoni dwar id-dħul mill-bejgħ li kellu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-multa inkwantu fil-punt 229 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li "peress li l-ewwel motiv

61 — Regolament tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 [KE] u 82 [KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

huwa milqugħ, ma huwiex barra minn hekk neċessarju li jiġu eżaminati l-ilmenti l-oħra, ibbażati fuq il-ksur tal-prinċipji tar-responsabbiltà personali u tal-proporzjonalità u tan-nuqqas ta' motivazzjoni, peress li dawn jirrigwardaw l-impatt tat-teħid inkunsiderazzjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, tal-perijodu qabel l-1 ta' Jannar 2002".

123. Issa, huwa ċar li dan l-argument ma huwiex korrett. Jirriżulta manifestament mill-punt 120 ta' dawn il-konklużjonijiet li l-Qorti Ġenerali ddikjarat sew il-pożizzjoni tagħha dwar il-punt inkwistjoni li huwa rifless, barra minn hekk, fid-dispożittiv tas-sentenza appellata.

124. Fi kwalunkwe każ, fir-risposta tagħhom, l-appellati ddedikaw ħmistax-il punt (83 sa 97) għall-argument li "għalkemm, minkejja l-argumenti ppreżentati iktar 'il fuq fit-Titolu II, l-ewwel aggravju huwa milqugħ u l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li tikkalkola mill-ġdid l-ammont tal-multa, l-appellati jsostnu: (i) li ebda żieda minħabba ċirkustanzi aggravanti ma tista' tiġi applikata għar-raġunijiet imsemmija iktar 'il fuq u (ii) li l-multa li Parker ITR titqies li hija waħedha responsabbli li tħallas ma tistax teċċedi l-10 % tad-dħul mill-bejgħ tagħha". Dan jindika b'mod ċar, li fil-mument tal-qari tal-appell tal-Kummissjoni f'din il-kawża, huma indunaw li kien hemm possibbiltà li dak l-appell jintlaqa' mill-Qorti tal-Ġustizzja u li, għaldaqstant, l-evalwazzjoni tal-ewwel motiv imqajjem quddiem il-Qorti Ġenerali minn din tal-aħħar jiġi annullat. Din hija r-raġuni għalfejn huma ppreżentaw dan l-argument kollu fil-punti 83 sa 97 tar-risposta tagħhom. Issa, hekk kif spjegajt iktar 'il fuq, għalkemm l-appellati riedu jerġgħu jqajmu l-motiv tagħhom, skont ir-Regoli tal-Proċedura huma setgħu jagħmlu dan biss permezz ta' appell inċidentali u mhux billi sempliċement iressqu l-argument tagħhom fir-risposta tagħhom.

125. Peress li l-appellati ma ppreżentawx appell inċidentali permezz ta' att separat, distint mir-risposta tagħhom, l-argument tagħhom imsemmi hawn fuq għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli [62].

## IV – **Konklużjoni**

126. Għalhekk nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea Parker ITR u Parker-Hannifin vs Il-Kummissjoni(T-146/09, EU:T:2013:258), sa fejn iddeċidiet li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' kontinwità ekonomika kienet eskluża f'din il-kawża u sa fejn hija ċaħdet iż-żieda fil-multa imposta fuq Parker ITR Srl applikata mill-Kummissjoni Ewropea fil-kalkolu tal-multa abbażi tal-irwol tagħha ta' tmexxija fi ħdan l-akkordju;

— tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex teżamina jekk l-elementi ppreżentati minn Parker Hannifin Manufacturing Srl u Parker-Hannifin Corp. humiex suffiċjenti sabiex tiġi kkonfutata l-preżunzjoni li ITR SpA, bħala kumpannija parent li għandha 100 % tal-kapital ta' ITR Rubber u li tappartjeni, bħal din tal-aħħar, għall-istess grupp, eżerċitat influwenza determinanti fuq l-aġir tas-sussidjarja tagħha;

— tikkonstata li, billi naqqset b'EUR 100 000 ż-żieda applikata abbażi tad-dewmien fl-ammont sa fejn il-kumpannija parent Parker-Hannifin kienet responsabbli konġuntament għall-ħlas tal-multa, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet *ultra petita*;

— tikkonstata li t-tnaqqis tal-multa imposta fuq Parker-Hannifin għas-sempliċi raġuni li "r-responsabbiltà *in solidum* ta' Parker-Hannifin ma tistax tiġi stabbilita għall-perijodu mill-1 [ta' Jannar] sal-31 ta' Jannar 2002" ma kienx immotivat b'mod suffiċjenti mill-Qorti Ġenerali; u

— tirriżerva l-ispejjeż.

62 — Fi kwalunkwe każ, l-appellati lanqas biss ikkontestaw il-punti 227 u 228 tas-sentenza appellata.